Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 28 ta' Ottubru 2014**
**(OR. en)**

**14590/14**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2014/0311 (NLE)**

**PECHE 489**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 28 ta' Novembru 2014 |
| lil: | Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2014) 670 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 779/2014 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2014) 670 final.

Mehmuż: COM(2014) 670 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.10.2014
COM(2014) 670 final

2014/0311 (NLE)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 779/2014

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### Ir-raġunijiet u l-għanijiet

Ir-regolamenti kollha dwar l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jillimitaw il-ħsad tal-istokkijiet tal-ħut għal livelli li għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ġenerali tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS). F'dan ir-rigward, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd ("ir-regolament bażiku tal-PKS) jistipula l-għanijiet għall-proposti annwali għal-limitazzjonijiet tal-isforz tal-qbid u tas-sajd biex ikun żgurat li s-sajd tal-Unjoni jkun sostenibbli mil-lat ekoloġiku, ekonomiku u soċjali.

L-eżerċizzju tal-opportunitajiet tas-sajd jirrappreżenta ċiklu annwali ta' ġestjoni (bijennali fil-każ tal-istokkijiet tal-baħar fond). Madankollu, dan ma jfixkilx l-introduzzjoni ta' approċċi ta' ġestjoni fit-tul. L-Unjoni għamlet progress tajjeb f'dan ir-rigward u l-istokkijiet ewlenin ta' interess kummerċjali issa huma soġġetti għal pjanijiet ta' ġestjoni pluriennali; it-TACs u l-limiti tal-isforz annwali għandhom jikkonformaw magħhom.

### Il-kamp ta' applikazzjoni

Din il-proposta fiha l-opportunitajiet tas-sajd li l-Unjoni tistabbilixxi b'mod awtonomu. Madankollu, din il-proposta fiha wkoll l-opportunitajiet tas-sajd li jirriżultaw minn miżuri maqbula fi ftehimiet jew proċessi multilaterali jew bilaterali dwar is-sajd. F'dawk il-każijiet, l-Unjoni tintervjeni abbażi tal-pożizzjoni li toħroġ mill-għanijiet tal-politika tagħha stess, kif ukoll mill-pariri xjentifiċi. Ir-riżultat ta' negozjati bħal dawn jimplika l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tassumi obbligi fir-rigward tal-partijiet terzi. Għalhekk, l-Unjoni ma għandha l-ebda marġini sostantiv ta' diskrezzjoni lil hinn mill-allokazzjoni interna fost l-Istati Membri f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet bħal dawn fil-liġi tal-Unjoni. Fir-rigward tal-allokazzjoni interna, japplika l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva.

Għalhekk din il-proposta tkopri, minbarra l-istokkijiet awtonomi tal-Unjoni:

- Stokkjiet kondiviżi, jiġifieri stokkijiet li huma mmaniġġjati b'mod konġunt man-Norveġja fil-Baħar tat-Tramuntana u fi Skagerrak, jew marbutin mal-Ftehimiet tal-Istati Kostali tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC).
- L-opportunitajiet tas-sajd li jirriżultaw mill-ftehimiet li ntlaħqu fil-qafas tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs).

Għadd ta' opportunitajiet tas-sajd huma mmarkati bħala "*pm*" (*pro memoria*) f'din il-proposta. Dan minħabba l-fatt li jew:

– il-parir dwar xi stokkijiet mhux se jkun disponibbli sa meta l-proposta hi skedata għall-adozzjoni; jew

– ċerti limitazzjonijiet tal-qbid u rakkomandazzjonijiet oħra mingħand RFMOs rilevanti huma pendenti peress li l-laqgħat annwali tagħhom għadhom ma sarux; jew

– għall-istokkijiet fl-ilmijiet tal-Groenlandja, kif ukoll għall-istokkijiet kondiviżi jew skambjati man-Norveġja u ma' pajjiżi terzi oħrajn, għad mhemmx ċifri disponibbli,

sakemm jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet f'Novembru u Diċembru 2014 ma' dawk il-pajjiżi.

Qed jiġi propost sett ġdid ta' miżuri għall-protezzjoni tal-istokk tal-ispnott fl-Atlantiku tal-Grigal. F'Ġunju 2014, il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ħareġ parir xjentifiku dwar dan l-istokk, li ilu juri tnaqqis rapidu sa mill-2012. Barra minn hekk, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) kkunsidra li, b'mod ġenerali, il-miżuri nazzjonali attwali għall-protezzjoni tal-ispnott urew li mhumiex effettivi. L-ispnott huwa speċi li jdum ma jimmatura u jikber bil-mod, u li l-mortalità mis-sajd tiegħu attwalment huwa erba' darbiet ogħla mil-livelli tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY). Fid-dawl tas-sitwazzjoni inkwetanti ta' dan l-istokk, li jista' jkun f'xifer ta' kollass, qed ikunu proposti opportunitajiet tas-sajd fil-forma tal-isforz tas-sajd u tal-limiti tal-qbid li għandhom jimmiraw is-sorsi prinċipali tal-mortalità tal-ħut, jiġifieri t-tkarkir pelaġiku u s-sajd rikreattiv. Dan jinkludi Anness ġdid IIE tar-regolament propost, li għandu jkun komplut bl-informazzjoni li tkun qed tintalab mill-Istati Membri.

Fl-aħħar nett, fl-2014, l-STECF evalwa l-impatt tal-miżuri ta' ġestjoni għall-inċova tal-Bajja ta' Biscay. Huwa kkonkluda li jekk jinbidel il-perjodu tal-ġestjoni għal sena kalendarja (minn Jannar sa Diċembru), jitnaqqas b'mod konsiderevoli r-riskju li l-istokk jonqos taħt il-livelli tas-sikurezza tal-bijomassa u jkun hemm żieda żgħira fil-kwantità u fl-istabbiltà tal-qbid meta mqabbla mal-perjodu preżenti tal-ġestjoni minn Lulju sa Ġunju. Wara konsultazzjonijiet ma' Spanja, Franza u mal-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Lbiċ (SWWAC), u bla preġudizzju għall-miżuri li jridu jiġu adottati fil-kuntest ta' pjanijiet ta' ġestjoni futuri, il-partijiet konċernati indikaw il-preferenza tagħhom għal TAC għall-inċova għas-sena kalendarja 2015 ibbażata fuq alternattiva li tiffissa TAC speċifiku evalwat mill-STECF fejn ir-riskju ta' kollass tal-istokk huwa inqas minn 5 %. Wara sena kalendarja, bħall-biċċa l-kbira tat-TACs fl-Atlantiku, dan se jnaqqas ukoll il-piż amministrattiv marbut mal-ġestjoni ta' dan l-istokk. Abbażi ta' dan, huwa xieraq li jitħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 779/2014[1] u fl-istess ħin jiġi introdott TAC ġdid għall-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biscay għall-2015, li se jibqa' b' "*pm*" fir-regolament propost sakemm jiġi rilaxxat il-parir xjentifiku neċessarju f'Diċembru 2014.

**Ħarsa ġenerali lejn l-istokkijiet**

Bħas-soltu, il-Kummissjoni rrivediet is-sitwazzjoni li jridu jirreaġixxu għaliha l-proposti tal-opportunitajiet tas-sajd permezz tal-Komunikazzjoni annwali tagħha mill-Kummissjoni fir-rigward ta' konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd (COM(2014)388 final, minn hawn' il quddiem "il-Komunikazzjoni"). Il-Komunikazzjoni tipprovdi ħarsa ġenerali tal-qagħda tal-istokkijiet ibbażata fuq il-konklużjonijiet tal-parir xjentifiku maħruġ fl-2013. Fuq nota pożittiva, il-Komunikazzjoni tirrapporta li, fost l-istokkijiet li għalihom hemm disponibbli analiżi sħiħa, l-istokkijiet li ġew mistada f'livelli ogħla minn dawk sostenibbli naqsu minn 86 % fl-2009 għal 41 % fl-2014. Madankollu, xi xejriet għadhom qed jagħtu lok għal tħassib. Pereżempju, l-għadd ta' stokkijiet bil-parir li l-qabdiet jitnaqqsu għall-aktar livell baxx possibbli żdied.

B'reazzjoni għat-talba tal-Kummissjoni, f'Lulju l-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ipprovda l-parir annwali tiegħu dwar il-biċċa l-kbira tal-istokkijiet tal-ħut koperti minn din il-proposta. L-ICES qies l-orjentazzjonijiet ippreżentati mill-Kummissjoni

[1] ĠU L 212, 18.07.2014, p. 1-3.

fil-Komunikazzjoni tagħha. Dan il-parir ġie analizzat mill-STECF fi Grupp ta' Ħidma tal-Esperti waqt is-sessjoni plenarja tiegħu tas-sajf.

Il-pariri xjentifiċi mogħtija minn dawk iż-żewġ korpi huma essenzjalment dipendenti fuq id-dejta: l-uniċi stokkijiet li jistgħu jiġu vvalutati bis-sħiħ huma dawk li dwarhom hemm biżżejjed dejta li hija affidabbli biex b'hekk jiġu prodotti stimi tad-daqs tal-istokkijiet, kif ukoll tbassir dwar kif dawn se jirreaġixxu għad-diversi xenarji ta' sfruttar (dawn jissejħu t-"tabelli tal-alternattivi tal-qbid"). Fejn hemm biżżejjed dejta disponibbli, il-korpi xjentifiċi jistgħu jipprovdu stimi ta' aġġustamenti għall-opportunitajiet tas-sajd li se jwasslu sabiex l-istokk jipproduċi r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) tiegħu. Il-parir imbagħad jissejjaħ "il-parir dwar l-MSY". F'każijiet oħra, il-Korpi xjentifiċi jiddependu fuq l-approċċ prekawzjonarju biex jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet dwar x'għandu jkun il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd. Il-metodoloġija segwita mill-ICES għal dak l-għan hija ppreżentata fil-materjal ippubblikat tal-ICES marbut mal-implimentazzjoni ta' pariri għal stokkijiet b'dejta limitata[2].

Il-grupp ewlieni tat-TACs proposti huma inklużi fl-Anness IA. Dan l-Anness fih 151 TACs għal stokkijiet mistada fi Skagerrak, Kattegat, is-subżoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV tal-ICES, l-ilmijiet tal-UE tas-CECAF u l-ilmijiet tal-Gujana Franċiża. Minn dawn it-TACs, 12 huma stabbiliti skont il-parir tal-MSY. Għall-bqija:

- 12-il TAC huma proposti skont strateġiji ta' ġestjoni fit-tul bħall-pjanijiet ta' ġestjoni li joħorġu mir-Regolamenti fis-seħħ tal-PKS, mill-proposti tal-Kummissjoni għal pjanijiet ta' ġestjoni li għadhom ma ġewx adottati, jew approċċ ta' ġestjoni mressaq mill-Kunsilli Konsultattivi (ACs) u evalwat bħala prekawzjonarju mill-korpi xjentifiċi konsultattivi.

- 47 TAC jirrigwardaw stokkijiet b'dejta limitata, li għalihom ma hemmx disponibbli valutazzjoni sħiħa. Minn dawn, 26 TAC huma proposti fl-istess livell bħal fl-2014, wara dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni li biha l-opportunitajiet tas-sajd jinżammu stabbli sakemm ma jsirx disponibbli l-parir xjentifiku li juri li l-istokk ikun qiegħed jiddeterjora. Il-bażi loġika għal din id-Deċiżjoni tinsab fil-fatt li l-biċċa l-kbira ta' dawn l-istokkijiet huma qabdiet inċidentali f'sajd imħallat u ma hemm l-ebda inċidenza reali tat-tibdil tat-TAC fuq l-evoluzzjoni tal-istatus tagħhom, filwaqt li t-tnaqqis rikorrenti fit-TAC jista' jagħti lok għal skartar tal-ħut regolatorju.

- It-TACs li jifdal f'dan l-istadju jidhru "pm" (*pro memoria*) minħabba l-fatt li parir xjentifiku relatat għadu mhux disponibbli, jew hemm bżonn ta' aktar informazzjoni soċjoekonomika jew jiddependi fuq negozjati jew ftehimiet internazzjonali li għandhom jiġu konklużi aktar tard fis-sena (pereżempju, il-laqgħat tal-RFMO). Għal dawn l-istokkijiet, se jkun meħtieġ li l-proposta tiġi aġġornata hekk kif il-parir isir disponibbli.

L-opportunitajiet tas-sajd proposti kollha jirreaġixxu għall-parir xjentifiku li rċeviet il-Kummissjoni dwar l-istat tal-istokkijiet, li ntuża bil-mod deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni.

---

[2] Ara b'mod partikolari d-dokument "General Context of ICES Advice" fil-ħolqa li ġejja: http://www.ices.dk/sites/pub/Publication%20Reports/Advice/2014/2014/1.2_Advice_basis_2014.pdf

**Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma mfassla skont l-għanijiet u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

**Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

(a) Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li wieġbu

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-partijiet interessati, b'mod partikolari permezz tal-Kunsilli Konsultattivi (ACs), u lill-Istati Membri dwar l-approċċ propost tagħha għall-proposti varji tagħha dwar l-opportunitajiet tas-sajd abbażi tal-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2015.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni segwiet l-orjentazzjonijiet deskritti fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar it-titjib fil-konsultazzjoni dwar il-ġestjoni tas-sajd Komunitarju (COM(2006)246 finali), li tistabbilixxi l-prinċipji għall-hekk imsejjaħ proċess ta' "antiċipazzjoni" (front-loading).

Barra minn dan, fis-26 ta' Settembru, il-Kummissjoni organizzat avveniment għall-partijiet interessati li fih ġew ippreżentati u diskussi r-riżultati tal-parir xjentifiku u l-implikazzjonijiet ewlenin tiegħu.

(b) Sommarju tar-reazzjonijiet u ta' kif tqiesu

Ir-reazzjoni għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd imsemmija hawn fuq tirrifletti l-opinjonijiet tal-partijiet interessati dwar l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni dwar l-istat tar-riżorsi u dwar kif tista' tiġi żgurata reazzjoni xierqa ta' ġestjoni.

B'mod partikolari, l-AC Pelaġiku (PELAC) kellu t-tama li jsir progress fl-adozzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni pluriennali; ta' min wieħed jinnota li l-involviment ta' pajjiżi mhux membri tal-UE jista' jikkomplika l-proċess. Il-PELAC ħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni tikkunsidra l-pjan li żviluppat għall-aringi fil-Baħar Ċeltiku meta tipproponi TAC rilevanti għall-2015. Il-PELAC esprima tħassib dwar il-fatt li l-Komunikazzjoni hija vaga fir-rigward ta' kif l-għan tal-MSY lil hinn mill-2015 se jkun pospost f'ċerti każijiet ġustifikati, jiġifieri min irid jipprovdi evidenza għall-ħtieġa ta' dewmien u kif se jaħdem dan il-proċess. Rigward l-obbligu tal-ħatt l-art għas-sajd ta' ħut pelaġiku li jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015, il-PELAC ddeplora n-nuqqas ta' dettall fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar kif se jkunu affettwati l-adattamenti tat-TACs sabiex jintegraw il-ħut skartat.

Il-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Lbiċ (SWWAC) laqa' ċ-ċarezza tal-Komunikazzjoni u b'mod partikolari d-deskrizzjoni tal-metodoloġija tal-Kummissjoni li tipproponi livelli tat-TAC għas-sena d-dieħla. Dan fakkar li, f'ħafna każijiet, is-segwitu tal-livelli tal-MSY għandu jkun iggwidat mill-mortalità tal-ħut iktar milli mill-indikaturi tal-bijomassa. Dan identifika l-lingwata fil-Bajja ta' Biscay u l-merluzz bħala stokkijiet potenzjali fejn il-MSY fl-2015 jista' ma jkunx fattibbli meta wieħed iqis il-parir rilaxxat mill-ICES għal dawk iż-żewġ stokkijiet.

Madankollu, is-SWWAC jirrikonoxxi li ma kienx żviluppa metodoloġija biex tivvaluta meta l-MSY jista' jiġi pospost wara l-2015 minħabba l-impatti soċjoekonomiċi. Is-SWWAC irrakkomanda wkoll li t-TACs proposti jikkunsidraw l-obbligu tal-ħatt l-art. Fir-rigward tal-obbligu ta' ħatt l-art, il-Kumitat Konsultattiv (AC) tal-Ilmijiet tal-Majjistral (NWWAC) jappoġġa l-użu tal-aħjar xjenza disponibbli għad-determinazzjoni ta' kull aġġustament tal-kwota. Madankollu, dawn l-aġġustamenti ma jistgħux jippreġudikaw il-kisba tal-għan tal-MSY tal-PKS. Il-Kumitat Konsultattiv enfasizza wkoll il-ħtieġa għal konsiderazzjoni tal-impatti ekonomiċi fl-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd. Huwa enfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu żviluppati pjanijiet ta' ġestjoni u kkunsidra dan bħala l-fokus għall-ippjanar tal-ħidma tiegħu stess. In-NWWAC appella wkoll għal proċess estensiv ta' konsultazzjoni qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-parir marbut mas-sajd imħallat.

**Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert**

F'dak li jirrigwarda l-metodoloġija użata, il-Kummissjoni kkonsultat, kif diġà ġie nnotat, il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku dwar is-Sajd (STECF). Il-parir tal-ICES huwa bbażat fuq qafas ta' pariri żviluppat mill-gruppi tal-esperti tiegħu u mill-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u maħruġa skont il-Memorandum ta' Ftehim miftiehem mal-Kummissjoni. L-STECF jagħti l-parir tiegħu billi jsegwi termini ta' referenza li jirċievi mingħand il-Kummissjoni.

L-għan aħħari tal-Unjoni huwa li ġġib u żżomm l-istokkijiet f'livelli li jistgħu jrendu r-Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY). Dan l-għan ġie inkorporat b'mod espliċitu fir-regolament bażiku l-ġdid tal-PKS, li l-Artikolu 2(2) tiegħu, jiddikjara li dan l-għan *"għandu jintlaħaq sal-2015, fejn hu possibbli, u [...] mhux iktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha"*. Din tirrifletti l-impenn li ttieħed mill-Unjoni fir-rigward tal-konklużjonijiet tas-Samit Dinji tal-2002 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar f'Johannesburg u l-Pjan ta' Implimentazzjoni marbut miegħu. Kif diġà ġie nnotat, għal xi stokkijiet l-informazzjoni dwar livelli ta' rendiment massimu sostenibbli hija tabilħaqq disponibbli. Fost dawn l-istokkijiet insibu stokkijiet importanti ħafna f'termini ta' volum ta' qbid u ta' valur kummerċjali, bħall-merluzz, il-bakkaljaw, il-petrika, il-lingwata, il-megrim, il-merluzz tal-linja sewda u l-iskampu.

Il-kisba tal-għan tal-MSY tista', f'ċerti każijiet, tkun teħtieġ tnaqqis fir-rati tal-mortalità mis-sajd u/jew tnaqqis fil-qabdiet. F'dan l-isfond, din il-proposta tagħmel użu mill-parir dwar l-MSY, fejn huwa disponibbli. F'konformità mal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd, fejn it-TACs huma proposti abbażi tal-parir dwar l-MSY, it-TAC jikkorrispondi għal-livell li, skont dak il-parir, jiżgura li jinkiseb l-għan tal-MSY fl-2015. Dan l-approċċ isegwi l-prinċipji ppreżentati fil-Komunikazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2015.

Għall-istokkijiet b'dejta limitata, il-korpi konsultattivi xjentifiċi joħorġu rakkomandazzjonijiet dwar jekk il-qabdiet għandhomx jitnaqqsu, jibqgħu stabbli jew tiġi permessa żieda. F'ħafna każijiet, il-parir tal-ICES ipprovda gwida kwantitattiva dwar varjazzjonijiet bħal dawn, abbażi tal-metodoloġija tagħhom ta' bidla massima fil-qabdiet ta' 20 % 'l fuq jew'l isfel minn sena għall-oħra, għal raġunijiet ta' prekawzjoni. Din il-gwida ntużat biex jiġu stabbiliti t-TACs proposti. Fejn m'hemm l-ebda parir xjentifiku, ġie segwit l-approċċ ta' prekawzjoni, li jfisser tnaqqis ta' prekawzjoni fit-TACs ta' 20 %.

Għal xi stokkijiet (l-aktar għall-istokkijiet mifruxin sew, il-klieb il-baħar u r-raja), il-parir se jinħareġ fil-ħarifa. Din il-proposta se jkollha bżonn tiġi aġġornata kif xieraq hekk kif jasal dak

il-parir. Fl-aħħar nett, kif imsemmi hawn fuq, għal ċerti stokkijiet il-parir jintuża għall-fini tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni.

L-STECF jikkonferma l-pariri mogħtija mill-ICES u, f'ċerti każijiet, żviluppahom aktar.

**Mezzi użati biex il-parir tal-esperti jkun disponibbli għall-pubbliku**

Ir-rapporti kollha tal-STECF huma disponibbli fuq il-websajt tad-DĠ MARE. Ir-rapporti kollha tal-ICES huma disponibbli fuq il-websajt tiegħu.

**Il-valutazzjoni tal-impatt**

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd huwa ċirkoskritt bl-Artikolu 43(3) tat-Trattat.

L-Unjoni adottat għadd ta' pjanijiet ta' ġestjoni pluriennali għal stokkijiet ta' importanza ekonomika ewlenija, fosthom għall-merluzz, il-bakkaljaw, il-lingwata, il-barbun tat-tbajja', l-iskampu u oħrajn. Qabel jiġu adottati, pjanijiet bħal dawn huma soġġetti għar-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-impatt. Ladarba jkunu fis-seħħ, huma jistabbilixxu l-livelli tat-TACs u tal-isforz li jridu jiġu ffissati għal dik is-sena partikolari sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħhom fit-tul. Il-Kummissjoni hija marbuta li tagħmel il-proposti tagħha għat-TACs skont dawn il-pjanijiet sakemm dawn jibqgħu validi u fis-seħħ. Minħabba f'hekk, ħafna mill-opportunitajiet ta' sajd kruċjali inklużi fil-proposta huma r-riżultat tal-valutazzjoni tal-impatt speċifika mwettqa għall-pjan li fuqu huma bbażati.

Għall-bqija, u minkejja l-fatt li l-pjanijiet pluriennali jistgħu ma jkunux fis-seħħ, il-proposta tfittex li tevita approċċi fuq żmien qasir billi tiffavorixxi deċiżjonijiet ta' sostenibbiltà fit-tul, filwaqt li jitqiesu l-inizjattivi tal-partijiet interessati u tal-ACs jekk ikunu ġew riveduti b'mod pożittiv mill-ICES u/jew mill-STECF. Barra minn hekk, il-proposta ta' riforma tal-PKS tal-Kummissjoni kienet żviluppata kif dovut fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-impatt (SEC(2011) 891) li fil-kuntest tagħha ġie analizzat l-għan tal-MSY. Il-konklużjonijiet tagħha identifikaw dan l-għan bħala kundizzjoni neċessarja biex tinkiseb is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali. Il-koleġiżlaturi aċċettaw ir-raġunament sottostanti tal-proposta ta' riforma tal-Kummissjoni u laħqu ftehim politiku f'Ġunju li għadda, fejn il-mira tal-MSY issa hija espliċita u vinkolanti.

Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd u l-istokkijiet tal-RFMO li huma maqsumin ma' pajjiżi terzi, essenzjalment din il-proposta tittrasponi miżuri miftiehma fuq livell internazzjonali. Kull element rilevanti biex jiġu vvalutati l-impatti possibbli tal-opportunitajiet tas-sajd huwa ttrattat fil-fażi ta' preparazzjoni u tat-twettiq tan-negozjati internazzjonali li fil-qafas tagħhom huma miftiehma l-opportunitajiet tas-sajd tal-Unjoni mal-partijiet terzi.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

**Il-bażi legali**

Il-bażi legali ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-obbligi tal-Unjoni għall-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jirriżultaw mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 2 tar-regolament bażiku tal-PKS.

**Is-sommarju tal-proposta**

Il-proposta tistabbilixxi l-limitazzjonijiet tal-qbid u tal-isforz applikabbli għas-sajd tal-Unjoni sabiex jinkiseb l-għan tal-PKS li jkun żgurat sajd f'livelli li huma sostenibbli f'termini ambjentali, ekonomiċi u soċjali.

**L-applikazzjoni**

Id-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-proposta huma applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2015, bl-eċċezzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar il-limitazzjonijiet tal-isforz, li huma applikabbli sal-31 ta' Jannar 2016, u ċerti TACs b'ċikli staġjonali speċifiċi jew li jirriżultaw minn karatteristiċi staġjonali speċifiċi tal-istokkijiet tar-RFMO.

**Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

**Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja: il-PKS hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat, l-adozzjoni ta' miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd hija r-responsabbiltà tal-Kunsill.

Ir-Regolament tal-Kunsill propost jalloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri. B'kunsiderazzjoni għall-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri mbagħad, min-naħa tagħhom, jipproċedu biex jallokaw opportunitajiet bħal dawn fost ir-reġjuni jew l-operaturi kif iħossu li jkun xieraq. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom spazju kemm iridu biex jimmanuvraw dwar deċiżjonijiet relatati mal-mudell soċjali/ekonomiku tal-għażla tagħhom biex jisfruttaw l-opportunitajiet tas-sajd allokati lilhom.

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja ġdida għall-Istati Membri. Dan ir-Regolament jiġi adottat mill-Kunsill kull sena, u l-mezzi pubbliċi u privati biex jiġi implimentat diġà jeżistu.

**L-għażla tal-istrumenti**

L-istrument li qed jiġi propost: regolament.

**L-obbligu tal-ħatt l-art introdott bir-Regolament (UE) Nru 1389/2013**

Ir-regolament bażiku l-ġdid tal-PKS (ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013) daħal fis-seħħ fl-2014; l-obbligu tal-ħatt l-art li dan ir-regolament daħħal se jibda jkun applikabbli b'mod progressiv mill-2015 sal-2019. Fl-2019, l-istokkijiet kollha taħt TAC għandhom ikunu skont l-obbligu tal-ħatt l-art.

Madankollu, matul il-perjodu tranżitorju, ħut taħt it-TACs għandu jinħatt l-art biss jekk jinqabad (jew fil-mira jew bħala qabda inċidentali) f'sajd għal ċerti speċijiet f'ċerti oqsma.

Madankollu, il-kunċetti ta' stokk taħt it-TAC u tas-sajd ma jaqblux. Dan huwa għaliex, għall-istokkijiet tal-Atlantiku u tal-Baħar tat-Tramuntana skont dan ir-Regolament, il-qabdiet se jkunu soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art biss jekk jinqabdu f'sajd għal skopijiet industrijali u f'sajd għall-kavall, l-aringi, is-sawrell, l-istokkafixx, il-minfaħ, l-inċova, l-arġentina silus, il-

laċċa kaħla, is-sardin, it-tonn, il-pixxispad, l-alonga, it-tonn għajnu kbira, il-marlin blu u abjad[3].

Barra minn hekk, bl-introduzzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art, skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd proposti għandhom jirriflettu l-bidla minn ammont jinħatt l-art għal ammont maqbud. Dan isir abbażi tal-parir xjentifiku mogħti għall-istokkijiet tal-ħut fl-attivitajiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 15(1) tar-regolament bażiku tal-PKS. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffissati wkoll skont l-Artikoli 16(1) (li jirreferi għall-prinċipju tal-istabbiltà relattiva) u 16(4) (li jirreferi għall-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd u r-regoli previsti għall-pjanijiet pluriennali).

L-obbligu tal-ħatt l-art għandu impatt dirett fuq l-għanijiet ta' konservazzjoni għal għadd ta' TACs fl-opportunitajiet tas-sajd proposti. Dawn huma t-TACs għall-elażmobranki fi stat fqir ta' konservazzjoni, jiġifieri, il-klieb il-baħar, ir-rebekkini u r-raj; dawn ġew iffissati 0 għal ħafna snin sabiex ikun evitat li dawn l-ispeċijiet jiġi mmirati fiż-żoni tagħhom. Minbarra 0 TACs, id-dispożizzjonijiet speċifiċi marbuta mal-entrati tat-TAC sfurzaw l-abbandunar immedjat tagħhom minħabba sopravivenza għolja tagħhom. Il-ħatt l-art tagħhom iżidilhom r-rati ta' mortalità. Wara konsultazzjoni mal-esperti mill-Istati Membri li saret fil-31 ta' Lulju 2014, kien hemm appoġġ għall-idea li dawn l-ispeċijiet, fl-oqsma koperti miit-TACs, jingħaqdu mal-lista pprojbita tl-ispeċijiet tar-regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd. Dan l-approċċ rifless fir-regolament propost: l-obbligu tar-rilaxx, u allura l-livell ta' konservazzjoni li jiggarantixxi, jinżamm minħabba li l-ispeċijiet ipprojbiti ma jistgħux jinħattu l-art. Ir-Regolament 1380/2013 jeżenta b'mod dirett l-ispeċijiet ipprojbiti mill-obbligu tal-ħatt l-art permezz tal-Artikolu 15(4)(a).

Fl-aħħar nett, għandhom jiġu kkunsidrati r-rabtiet bejn ir-regolament bażiku l-ġdid tal-PKS u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96. Dan tal-aħħar jistabbilixxi kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs, li jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà skont l-Artikoli 3 u 4 għall-istokkijiet prekawzjonali u analitiċi rispettivament. Skont l-Artikolu 2 tiegħu, meta jiġu stabbiliti t-TACs, il-Kunsill għandu jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma japplikawx l-Artikoli 3 u 4, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Fi żmien aktar riċenti, iddaħħal il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà bl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Għalhekk, sabiex tiġi evitata l-flessibbiltà eċċessiva li ddgħajjef il-prinċipju tal-isfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar u tfixkel il-ksib tal-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd, għandu jiġi ċċarat li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma jistgħux japplikaw flimkien mal-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament 1380/2013.

## 4. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

### Is-simplifikazzjoni

Il-proposta tipprovdi għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi (tal-Unjoni jew nazzjonali), b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti marbuta mal-ġestjoni tal-isforzi.

3 L-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

**Il-klawżola ta' analiżi/reviżjoni/sunset**

Il-proposta tirrigwarda Regolament annwali għall-2015 u għalhekk ma tinkludix klawżola ta' reviżjoni.

**Spjegazzjoni ddettaljata tal-proposta**

Din il-proposta hija limitata għall-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd u tal-kundizzjonijiet li huma marbutin b'mod funzjonali mal-użu ta' dawk l-opportunitajiet.

F'termini tax-xejriet attwali li qed naraw fl-evoluzzjoni tal-istokkijiet, jistgħu jiġu enfasizzati l-każijiet li ġejjin:

*L-ilmijiet Iberiċi*

Minn naħa, il-bijomassa tal-paetrika qed tiżdied u l-istokk huwa sfruttat f'livelli sostenibbli. Min-naħa l-oħra, l-istokk tal-megrim iddeterjora u diversi unitajiet funzjonali tal-iskampu jibqgħu kompletament eżawriti. Fir-rigward il-merluzz, il-bijomassa qed tkompli tiżdied, minkejja l-pressjoni tas-sajd baqa' għoli li, skont il-pjan ta' ġestjoni rilevanti, tirriżulta f'tnaqqis żgħir fit-TAC u fl-isforz tat-tnaqqis korrispondenti.

*Il-Bajja ta' Biscay*

L-istat tal-istokk tal-lingwata qed jiddeterjora. Matul l-aħħar snin ix-xjenzjati rrakkomandaw tnaqqis tat-TAC. Fl-2013, l-ICES ikkunsidra miżuri ta' ġestjoni fit-tul ta' prekawzjoni mressqa mill-partijiet interessati. It-TAC tal-2014 huwa bbażat fuq dawk il-miżuri maħsuba biex iżommu t-TAC kostanti filwaqt li gradwalment tonqos il-mortalità mis-sajd għal livelli sostenibbli. Minħabba li f'dawn l-aħħar snin il-mortalità mis-sajd żdiedet, it-TAC għandu jitnaqqas fl-2015.

*Il-Baħar Ċeltiku u l-Kanal Ingliż*

Il-livelli għoljin ta' ħut skartat huma problema persistenti f'dan il-qasam, kemm fis-sajd tal-ħut abjad kif ukoll fis-sajd tal-pixxiċatt. Għaldaqstant, il-parir xjentifiku jitlob għal tnaqqis sinifikanti fit-TACs, pereżempju, għall-bakkaljaw u l-merluzz tal-linja sewda. Fir-rigward tal-lingwata fil-Kanal Ingliż tal-Lvant, għandha tingħata l-prijorità lill-implimentazzjoni ta' miżuri urġenti biex jiġi rkuprat l-istokk: reklutaġġ kien baxx f'dawn l-aħħar sentejn u l-vijabilità fit-tul tas-sajd hija f'riskju.

*Il-Punent tal-Iskozja*

Bħala riżultat tal-parametru referenzjarju tal-ICES għall-merluzz tal-linja sewda fl-2014, l-istokk tal-merluzz tal-linja sewda fil-Punent tal-Iskozja (iż-żoni Vb u VIa tal-ICES) huma kkunsidrati bħala parti mill-istokk bijoloġiku eżaminat fis-żoni III u IV tal-ICES. Għalhekk, qed jingħata parir wieħed għal dawn iż-żoni kollha. It-TAC għandu jibqa' "*pro memoria*" (pm) fir-regolament propost filwaqt li jiġu determinati allokazzjonijiet xierqa għall-Istati Membri. Dwar il-bakkaljaw u l-merlangu, dawn jibqgħu f'kundizzjoni fqira bl-iskartar tagħhom għadu madwar 70 % għaż-żewġ speċijiet. Is-sitwazzjoni tista' tmur għall-agħar bil-parir dwar l-iskampu, li se jkun rilaxxat fil-ħarifa: l-iskartar tal-ħut abjad joriġina l-aktar f'dan is-sajd tal-aħħar. Sa issa, l-impenji magħmula fir-rigward ta' miżuri ta' selettività ma kellhom l-ebda impatt evidenti: L-ICES ma kienx kapaċi jidentifika xi bidla fil-mortalità bħala riżultat ta' dawn il-miżuri.

*Il-Baħar Irlandiż*

Il-bakkaljaw u l-merlangu jibqgħu f'kundizzjoni fqira, minkejja li is-selettività għall-flotta tal-iskampu tidher li tat xi riżultati għal dawk iż-żewġ stokkijiet; minkejja dan, il-parir tal-ICES hawn jidentifika skartar għoli. Il-lingwata tibqa' mistada żżejjed u tinsab fl-aktar bijomassa ta' stokk riproduttiv baxxa reġistrata; l-isfruttament għandu jibqa' f'livell baxx. Għall-kuntrarju, il-barbun tat-tbajja' ma jintużax biżżejjed u huwa skartat ħafna, iżda l-istokk baqa' stabbli.

*Il-Kattegat*

Fir-rigward tal-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-Kattegat, il-parir għall-2015 huwa simili għall-parir li ngħata fl-2014, jiġifieri li abbażi tal-konsiderazzjonijiet ta' prekawzjoni ma għandu jkun hemm l-ebda sajd dirett ta' dan l-ispeċi f'din iż-żona, u l-qabdiet inċidentali u l-ħut skartat għandhom jiġu mminimizzati. L-ICES jinsisti b'mod partikolari dwar il-bżonn li tittejjeb is-selettività bħala kwistjoni ta' urġenza: l-estimi għall-ħut skartat fl-2013 kienu l-ogħla reġistrati mill-1997.

*Il-Baħar tat-Tramuntana*

L-istokkijiet tal-bakkaljaw, il-merluzz tal-linja sewda, il-merlangu, il-pollakkju iswed, il-barbun tat-tbajja', il-kavalli u l-aringi fil-Baħar tat-Tramuntana huma ġestiti b'mod konġunt man-Norveġja, għalhekk it-TACs u l-allokazzjonijiet tal-kwoti se jiġu ffissati wara konsultazzjonijiet bejn l-UE u n-Norveġja f'Novembru u Diċembru. Minn dawn l-istokkijiet, il-bakkaljaw ikompli jirkupra, iżda bil-mod ħafna. Il-merlangu u l-pollakkju iswed it-tnejn qed jonqsu, bil-bijomassa tal-pollakkju iswed jaqa' taħt il-limiti ta' prekawzjoni f'dawn l-aħħar tliet snin. Il-merluzz tal-linja sewda għadu stabbli, b'mortalità mis-sajd inqas mil-livelli tal-MSY, iżda b'reklutaġġ fqir f'dawn l-aħħar snin. L-istokk tal-barbun tat-tbajja' qed jiżdied, u issa ġie rreġistrat fl-ogħla livelli. Dwar l-istokkijiet li mhumiex kondiviżi man-Norveġja u li l-livelli tagħhom tat-TAC huma diġà speċifikati f'din il-proposta, l-istokk tal-lingwata qed tiżdied bil-mod, għalkemm il-mortalità mis-sajd hija kemxejn ogħla mill-livelli tal-MSY, u għalhekk il-pjan ta' ġestjoni applikabbli jitlob għal tnaqqis żgħir fit-TAC. L-istokkijiet tal-iskampu fil-Baħar tat-Tramuntana juru żieda globali.

2014/0311 (NLE)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 779/2014

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jipprevedi li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] jesiġi li jiġu adottati miżuri ta ' konservazzjoni filwaqt li jittieħed kont tal-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inklużi, fejn ikunu rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

(3) Il-Kunsill għandu r-responsabbiltà li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inklużi, kif inhu xieraq, ċerti kundizzjonijiet li huma funzjonalment marbuta magħhom. Skont l-Artikolu 16(1) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri b'tali mod li tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew tas-sajd u skont l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd stabbiliti fl-Artikolu 2(2) tal-istess Regolament.

(4) Għalhekk, il-qabda totali permessibbli (TACs) għandha tiġi stabbilita, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi u filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati, b'mod partikolari fil-laqgħat tal-Kunsilli Konsultattivi.

(5) L-obbligu tal-ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu jiġi introdott abbażi ta' kull attività tas-sajd individwali. Fir-

4 Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

reġjun kopert b'dan ir-regolament, meta żona tas-sajd taqa' taħt l-obbligu tal-ħatt l-art, l-ispeċijiet kollha f'dak is-sajd suġġett għal limiti tal-qbid għandhom jinħattu l-art. Mill-1 ta' Jannar 2015, l-obbligu tal-ħatt l-art għandu japplika għas-sajd pelaġiku żgħir (jiġifieri, is-sajd għall-kavall, l-aringa, is-sawrell, l-istokkafixx, il-minfaħ, l-inċova, l-arġentina silus, is-sardin u l-laċċa kaħla), għas-sajd pelaġiku kbir (jiġifieri, is-sajd għat-tonn, il-pixxispad, l-alonga, it-tonn għajnu kbira, u l-marlin blu u abjad), għas-sajd għal skopijiet industrijali (pereżempju, is-sajd għall-kapelin, iċ-ċiċċirell u n-Norwegian pout). L-Artikolu 16(2) ta' dak ir-Regolament jipprovdi li, meta jiddaħħal l-obbligu tal-ħatt l-art fir-rigward tal-istokk tas-sajd, l-opportunitajiet tas-sajd iridu jiġu stabbiliti billi tiġi kkunsidrata l-bidla minn iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd li jirriflettu l-ħatt l-art għal iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd li jirriflettu l-qabdiet.

(6) Għal xi snin, ċerti TACs għall-istokkijiet tal-elażmobranki (rebekkini, klieb il-baħar, rajja) ġew stabbiliti bħala 0, b'dispożizzjoni relatata li tistabbilixxi obbligu li jinħelsu minnufih il-qabdiet aċċidentali. Ir-raġuni għal dan it-trattament speċifiku hija li dawn l-istokkijiet huma fi stat ta' konservazzjoni fqira u, minħabba r-rati ta' sopravivenza għolja tagħhom, l-iskartar mhux se jħassrilhom ir-rati tal-mortalità mis-sajd; il-ħut skartat jitqies bħala ta' benefiċċju għall-konservazzjoni ta' dawn l-ispeċijiet. Mill-1 ta' Jannar 2015, madankollu, il-qabdiet ta' dawn l-ispeċijiet f'sajd pelaġiku se jkollu jinħatt, sakemm dawn ma jkunux koperti minn xi derogi mill-obbligu tal-ħatt l-art prevista fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. L-Artikolu 15(4)(a) ta' dak ir-Regolament jippermetti derogi bħal dawn għall-ispeċijiet li għalihom is-sajd huwa pprojbit u li huma identifikati bħala tali f'att legali tal-Unjoni adottat fil-qasam tal-Politika Komuni tas-Sajd. Għalhekk, ikun xieraq li jiġi pprojbit is-sajd għal dawn l-ispeċijiet fiż-żoni konċernati.

(7) F'dawn l-aħħar snin, it-TAC għall-inċova fil-Bajja ta' Biscay ġiet stabbilita f'Regolament separat dwar l-opportunitajiet tas-sajd validu mill-1 ta' Lulju ta' sena waħda sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. Fl-2014, l-STECF ikkonkluda li bidla fil-perijodu ta' ġestjoni għal sena normali kalendarja (minn Jannar sa Diċembru) tnaqqas b'mod konsiderevoli r-riskji ta' konservazzjoni għal dan l-istokk. Wara konsultazzjonijiet ma' Spanja, Franza u l-Kunsill Konsultattiv tal-Ilmijiet tal-Lbiċ (SWWAC), il-bidla proposta mill-STECF ġiet ezaminata b'mod pożittiv. Fuq din il-bażi, huwa xieraq li jiġi revokat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 779/2014[5] u tiġi introdotta TAC ġdid għall-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biscay għall-2015 f'dan ir-Regolament.

(8) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għal stokkijiet soġġetti għal pjanijiet pluriennali speċifiċi, it-TACs għandhom ikunu stabbiliti f'konformità mar-regoli stipulati f'dawk il-pjanijiet. Konsegwentement, it-TACs għall-istokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u tal-iskampu, tal-lingwata fil-Kanal tal-Punent, tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana, tal-aringa fil-Punent tal-Iskozja, tal-bakkaljaw fil-Kattegat, fil-Punent tal-Iskozja, fil-Baħar Irlandiż, fil-Baħar tat-Tramuntana, fi Skagerrak u l-Kanal tal-Lvant u tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandhom ikunu stabbiliti f'konformità mar-regoli stipulati fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005[6], (KE) Nru 509/2007[7], (KE) Nru

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 779/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-inċova fil-Bajja ta' Biscay għall-istaġun tas-sajd 2014/15 (ĠU L 212, 18.07.2014, p. 1).

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u l-awwista Norveġiża fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola tal-Iberja tal-Punent u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 għall-konservazzjoni tar-

676/2007[8], (KE) Nru 1300/2008[9], (KE) Nru 1342/2008[10] (il-"Pjan dwar il-Merluzz") u (KE) Nru 302/2009[11].

(9) Madankollu, fir-rigward tal-istokkjiet tal-merluzz tat-Tramuntana (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004[12]) u l-lingwata fil-Bajja ta' Biscay (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2006[13]), il-miri minimi tal-pjanijiet rilevanti ta' rkupru u ġestjoni ntlaħqu u għalhekk, huwa xieraq li jiġi segwit il-parir xjentifiku pprovdut sabiex jinkisbu u jinżammu t-TACs fil-livelli tar-rendiment massimu sostenibbli, skont kif ikun il-każ.

(10) Għal stokkijiet li għalihom m'hemmx biżżejjed dejta jew li d-dejta li hemm dwarhom mhijiex affidabbli sabiex jiġu pprovduti stimi tad-daqs tal-istokk, il-miżuri ta' ġestjoni u l-livelli tat-TAC għandhom isegwu l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd kif iddefinit fl-Artikolu 4(1)(8) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1380/2013, filwaqt li jitqiesu fatturi speċifiċi għall-istokk, inklużi, b'mod partikolari, informazzjoni disponibbli dwar ix-xejriet tal-istokk u kunsiderazzjonijiet ta' sajd imħallat.

(11) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96[14] daħħal kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs, li jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà skont l-Artikoli 3 u 4 għall-istokkijiet prekawzjonali u analitiċi rispettivament. Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiġu stabbiliti t-TACs, il-Kunsill għandu jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma japplikawx l-Artikoli 3 u 4, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Fi żmien aktar riċenti, iddaħħal il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà għall-istokkijiet kollha koperti bl-obbligu tal-ħatt l-art mill-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Għalhekk, sabiex tiġi evitata l-flessibilità eċċessiva, li tista' ddgħajjef l-għanijiet tal-konservazzjoni stabbiliti fil-Politika Komuni tas-Sajd, u sabiex jiġu evitati impatti negattivi fuq l-istat bijoloġiku tal-istokkijiet, l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jistgħu japplikaw għat-TACs biss meta l-Istati Membri ma jużawx il-

---

riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' speċi żgħar ta' ħlejjaq tal-baħar (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 5).

[7] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-ħażniet tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent (ĠU L 122, 11.5.2007, p. 7).

[8] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 tas-11 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-ħażniet tal-barbun tat-tbajja' u tal-lingwata fil-Baħar tat-Tramuntana (ĠU L 157, 19.6.2007, p. 1).

[9] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 6).

[10] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004 (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20).

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 dwar pjan pluriennwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 43/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1559/2007 (ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1).

[12] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004 tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi l-miżuri għall-irkupru tal-ħażna ta' marlozz tat-Tramuntana (ĠU L 150, 30.4.2004, p. 1).

[13] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 1).

[14] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.)

flessibilità minn sena għal sena stipulata fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(12) Fejn TAC relatata ma' stokk tkun allokata lil Stat Membru wieħed biss, huwa xieraq li dak l-Istat Membru jingħata s-setgħa jistabbilixxi l-livell ta' dik it-TAC skont l-Artikolu 2(1) tat-Trattat. Għandhom isiru dispożizzjonijiet biex ikun żgurat li, meta jkun qed jiffissa dak il-livell tat-TAC, l-Istat Membru kkonċernat jaġixxi b'mod li jkun totalment konsistenti mal-prinċipji u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

(13) F'Ġunju 2014, il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ħareġ parir xjentifiku dwar l-istokk tal-ispnott fl-Atlantiku tal-Grigal u kkonferma li dan l-istokk ilu juri tnaqqis rapidu sa mill-2012. Barra minn hekk, l-STECF vvaluta l-protezzjoni tal-ispnott b'miżuri nazzjonali fis-seħħ u, b'mod ġenerali, qieshom bħala mhux effettivi. L-ispnott huwa speċi li jdum ma jimmatura u jikber bil-mod, u li l-mortalità mis-sajd tiegħu attwalment huwa erba' darbiet ogħla mil-livelli tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY). Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għal dan l-istokk fil-forma tal-limiti tal-isforz tas-sajd u tal-qbid li għandhom jimmiraw is-sorsi prinċipali tal-mortalità mis-sajd, jiġifieri tat-tkarkir pelaġiku u s-sajd rikreattiv.

(14) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-limiti massimi tal-isforz tas-sajd permessi għall-2015 skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2166/2005, l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 509/2007, l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 676/2007, l-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008, u l-Artikoli 5 u 9 tar-Regolament 302/2009, filwaqt li jitqies ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 754/2009[15].

(15) Fid-dawl ta' ħafna mill-pariri xjentifiċi l-aktar reċenti mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u skont l-impenji internazzjonali fil-kuntest tal-Konvenzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC), huwa meħtieġ li l-isforz tas-sajd għal ċerti tipi ta' speċijiet tal-baħar fond ikun limitat.

(16) Għal ċerti speċijiet, bħal ċerti speċijiet ta' klieb il-baħar, anke attività limitata tas-sajd tista' twassal għal riskju serju għall-konservazzjoni tagħhom. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd għal speċijiet bħal dawn għandhom ikunu ristretti bis-sħiħ permezz ta' projbizzjoni ġenerali tas-sajd għal dawk l-ispeċijiet.

(17) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tal-UE stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa suġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[16], u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd u n-notifika tad-dejta dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu speċifikati l-kodiċijiet li l-

---

15 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 754/2009 tas-27 ta' Lulju 2009 li jeskludi ċerti gruppi ta' bastimenti mir-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 214, 19.8.2009, p. 16).

16 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

Istati Membri għandhom jużaw meta jibagħtu d-dejta lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-istokkijiet li huma soġġetti għal dan ir-Regolament.

(18) Għal ċerti TACs, l-Istati Membri għandhom jitħallew jagħtu allokazzjonijiet addizzjonali lill-bastimenti li jipparteċipaw fi provi dwar attivitajiet tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ. L-għan ta' dawn il-provi huwa li jittestjaw sistema ta' qbid-skont il-kwota f'sajd li għadu mhux taħt l-obbligu tal-ħatt l-art stipulat fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jiġifieri sistema fejn il-qabdiet kollha għandhom jinħattu l-art u jingħaddu u jitnaqqsu mill-kwoti sabiex jiġi evitat l-iskartar tal-ħut u l-ħela ta' riżorsi tal-ħut li mill-bqija kienu jkunu jistgħu jintużaw. Skartar ta' ħut mhux ikkontrollat huwa ta' theddida għas-sostenibbiltà fit-tul tal-ħut bħala ġid pubbliku u b'hekk huwa ta' theddida għall-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd. B'kuntrast ma' dan, is-sistemi ta' qbid-skont il-kwota minnhom infushom jippreżentaw lis-sajjieda b'inċentiv biex jisfruttaw bl-aħjar mod is-selettività tal-qbid tal-operazzjonijiet tagħhom. Sabiex tintlaħaq ġestjoni razzjonalizzata tal-iskartar, sajd iddokumentat b'mod sħiħ għandu jkopri kull operazzjoni fuq il-baħar, aktar milli dak li jinħatt fil-port. Il-kundizzjonijiet għall-Istati Membri biex jagħtu allokazzjonijiet addizzjonali bħal dawn għalhekk iridu jinkludu l-obbligu li jiżguraw l-użu ta' kameras tat-televiżjoni b'ċirkwit magħluq (CCTV) assoċjati ma' sistema ta' sensers (minn hawn 'il quddiem imsejħa flimkien bħala "sistema tas-CCTV"). Dan għandu jippermetti r-reġistrazzjoni, fid-dettall, tal-partijiet kollha tal-qabdiet, kemm dawk miżmuma, kif ukoll dawk skartati. Sistema bbażata fuq l-osservazzjoni umana, b'nies li jaħdmu f'ħin reali abbord il-bastiment, tkun anqas effiċjenti, tkun tiswa iżjed u tkun anqas affidabbli. Konsegwentement, l-użu ta' sistemi tas-CCTV, bħalissa, huwa prerekwiżit għas-suċċess ta' skemi ta' tnaqqis tal-iskartar tal-ħut bħas-sajd iddokumentat bis-sħiħ. Fl-użu tat-tali sistema, għandu jkunu hemm konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17].

[17] Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

(19) Sabiex ikun żgurat li l-provi tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ ikunu jistgħu jevalwaw b'mod effettiv il-potenzjal tas-sistemi ta' qbid skont il-kwota li jikkontrollaw b'mod assolut il-mortalità mis-sajd tal-istokkijiet ikkonċernati, jeħtieġ li l-ħut kollu li jinqabad f'dawk il-provi, inkluż dak taħt id-daqs minimu tal-ħatt l-art, jingħadd u jitnaqqas mill-allokazzjoni totali assenjata lill-bastiment parteċipanti, u li l-operazzjonijiet tas-sajd jieqfu meta dik l-allokazzjoni totali tkun intużat kollha minn dak il-bastiment. Huwa wkoll xieraq li jiġu permessi t-trasferimenti tal-allokazzjonijiet bejn il-bastimenti li jkunu qed jipparteċipaw fil-provi tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ u dawk li ma jkunux qed jipparteċipaw fihom sakemm ikun jista' jintwera' li ma jiżdiedx l-iskartar minn bastimenti mhux parteċipanti.

(20) Skont il-pariri tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), huwa xieraq li tinżamm sistema għall-ġestjoni taċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet IIa u IIIa tal-ICES u tas-subżona IV tal-ICES. Ladarba l-parir xjentifiku tal-ICES mistenni jkun disponibbli biss fi Frar 2015, huwa xieraq li t-TAC u l-kwoti jiġu stabbiliti proviżorjament għal żero sakemm jinħareġ dak il-parir.

(21) F'konformità mal-proċeduri previsti fil-ftehimiet jew protokolli dwar relazzjonijiet tas-sajd man-Norveġja[18], il-Gżejjer Faeroe[19], u l-Islanda[20], l-Unjoni wettqet konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tas-sajd ma' dawn l-imsieħba. Il-konsultazzjonijiet man-Norveġja u l-Gżejjer Faeroe dwar l-arranġamenti għall-2015 għadhom ma ntemmux. Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni, filwaqt li tkun permessa l-flessibbiltà meħtieġa għall-konklużjoni ta' dawk l-arranġamenti kmieni fl-2015, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet soġġetti għal dawk l-arranġamenti fuq bażi proviżorja. Ma kienx possibbli li jintemmu l-konsultazzjonijiet mal-Islanda dwar l-arranġamenti tas-sajd għall-2015. Skont il-proċedura prevista fil-ftehim u l-protokoll dwar ir-relazzjonijiet rigward is-sajd mal-Groenlandja[21], il-Kumitat Konġunt stabilixxa l-livell konkret tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni fl-ilmijiet tal-Groenlandja fl-2015. *[Il-premessa trid tiġi modifikata, kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti li għalihom tirreferi, wara li jinżammu l-konsultazzjonijiet il-ġodda].*

---

[18] Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 48)

[19] Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, fuq in-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern tal-Gżejjer Faroe fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 226, 29.8.1980, p. 12).

[20] Ftehim dwar is-sajd u l-ambjent marittimu bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda (ĠU L 161, 2.07.1993, p. 2).

[21] Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern (Home Rule) tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 4), u l-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribut finanzjarju previsti f'dak il-Ftehim (ĠU L 293, 23.10.2012, p. 5).

(22) Fil-laqgħa annwali tagħha fl-2013, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) adottat estensjoni ta' sena għat-TAC u kwoti eżistenti għat-tonn, u kkonfermat it-TACs u l-kwoti għall-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku, il-pixxispad tan-Nofsinhar- tal-Atlantiku u l-Alonga tat-Tramuntana tal-Atlantiku fil-livell attwali għall-perijodu 2014-2016. Konsegwentement, il-kwota tal-Unjoni għal dawn l-istokkijiet tibqa' l-istess bħal fl-2013. Minkejja li t-TAC għall-alonga tan-Nofsinhar tal-Atlantiku nżammet ukoll fil-livell attwali għall-perijodu 2014-2016, il-kwoti individwali tal-Partijiet Kontraenti, inkluża l-Unjoni, tnaqqsu kemxejn sabiex tingħata kwota lil Parti Kontraenti oħra. Dawk il-miżuri kollha għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni. *[Il-premessa trid tiġi modifikata, kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti li għalihom tirreferi, wara li tinżamm il-laqgħa annwali l-ġdida].*

(23) Fil-laqgħa annwali tagħha fl-2013, il-Partijiet għall-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Marittimi Ħajjin tal-Antartiku (CCAMLR) adottaw limiti ta' qbid kemm għall-ispeċijiet fil-mira kif ukoll għal dawk maqbuda inċidentalment. Dawk il-miżuri għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni. *[Il-premessa trid tiġi modifikata, kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti li għalihom tirreferi, wara li tinżamm il-laqgħa annwali l-ġdida].*

(24) Fil-Laqgħa Annwali tagħha fl-2014, il-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC)ma biddlitx il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni stabbiliti.

(25) It-tielet Laqgħa Annwali tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) ser issir fi Frar 2015. Huwa xieraq li l-miżuri attwali fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO jinżammu fis-seħħ proviżorjament sakemm issir din il-Laqgħa Annwali. Madankollu, l-istokk tas-sawrell ma għandux ikun fil-mira qabel ma tiġi stabbilita TAC bħala riżultat ta' dik il-laqgħa annwali.

(26) Matul is-87 Laqgħa Annwali fl-2014, il-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali (IATTC) żammet il-miżuri ta' konservazzjoni għat-tonna safra, it-tonn għajnu kbira u l-palamit. L-IATTC adottat ukoll riżoluzzjoni dwar il-konservazzjoni ta' klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi. Dawk il-miżuri għandhom ikomplu jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(27) Fil-Laqgħa Annwali tagħha fl-2013, l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO) adottat rakkomandazzjoni għal TACs ġodda darbtejn fis-sena għall-Patagonian toothfish u l-granċ-aħmar tal-fond għall-2014 u l-2015, u t-TACs eżistenti għall-orange roughy u l-alfonsinos miftiehma għall-2013 u l-2014 fil-laqgħa annwali tagħha fl-2012 baqgħu fis-seħħ. Il-miżuri attwalment applikabbli dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd adottati mis-SEAFO għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni. *[Il-premessa trid tiġi modifikata, kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti li għalihom tirreferi, wara li tinżamm il-laqgħa annwali l-ġdida].*

(28) L-għaxar (10) Laqgħa Annwali tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC) fl-2013 immodifikat il-miżuri tagħha dwar l-opportunitajiet ta' sajd billi ffissat ammont totali ta' ġranet ta' kemm jista' jsir sajd fl-ibħra miftuħa u billi adattat l-għeluq dwar is-sajd b'irkaptu biex jinġema' l-ħut (FAD). Ir-reviżjoni tal-miżura tas-sajd FAD tirrikjedi li l-Unjoni bħala Parti Kontraenti għad-WCPFC tiddeċiedi dwar waħda minn żewġ għażliet disponibbli, li tikkonferma l-perijodu attwali tal-għeluq tas-sajd FAD jew li tagħżel li jitnaqqsu s-settijiet tal-FAD. Sakemm tittieħed tali deċiżjoni, l-għeluq applikabbli attwalment adottat mid-WCFPC għandu jibqa' jiġi implimentat fil-liġi tal-Unjoni. *[Il-premessa trid tiġi modifikata, kif ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti li għalihom tirreferi, wara li tinżamm il-laqgħa annwali l-ġdida].*

(29) Fil-Laqgħa Annwali tagħha fl-2013, il-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta’ riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering ċentrali ma mmodifikawx il-miżuri tagħha fir-rigward ta’ opportunitajiet tas-sajd. Dawk il-miżuri għandhom jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(30) Fis-36 Laqgħa Annwali fl-2014, l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) adottat għadd ta’ opportunitajiet tas-sajd għall-2015 għal ċerti stokkijiet fis-Subżoni 1-4 taż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO. F’dak il-kuntest, in-NAFO adottat moratorju għas-sajd tal-gambli fid-Diviżjoni 3L, żiedet it-TAC għar-redfish fid-Diviżjoni 3M sabiex tkopri ċerti qabdiet inċidentali u fetħet mill-ġdid is-sajd għall-barbun ilsien il-kelb fid-Diviżjoni 3NO.

(31) Ċerti miżuri internazzjonali li joħolqu jew jirrestrinġu l-opportunitajiet tas-sajd għall-Unjoni huma adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) rilevanti fl-aħħar tas-sena u jiġu applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jimplimentaw dawn il-miżuri fil-liġi tal-Unjoni japplikaw b'mod retroattiv. B'mod partikolari, peress li l-istaġun tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR huma mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Novembru, u għalhekk ċerti opportunitajiet tas-sajd jew projbizzjonijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR huma stipulati għal perijodu li jibda mill-1 ta' Diċembru 2014, huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament japplikaw minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva se tkun bla preġudizzju għall-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi peress li l-membri tas-CCAMLR huma pprojbiti milli jistadu fiż-żona tal-Konvenzjoni CCAMLR mingħajr awtorizzazzjoni.

(32) Skont id-dikjarazzjoni tal-Unjoni lir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklussiva 'l barra mill-kosta tal-Gujana Franċiża[22], huwa meħtieġ li jiġu ffissati l-opportunitajiet tas-sajd għall-isnappers disponibbli lill-Venezwela fl-ilmijiet tal-UE.

(33) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-għoti lil Stat Membru individwali ta' awtorizzazzjoni sabiex jibbenefika mis-sistema ta' ġestjoni tal-allokazzjonijiet tal-isforzi tas-sajd tiegħu skont sistema tal-kilowatt/jiem, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

[22] ĠU L 6, 10.1.2012, p. 9.

(34) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-għoti ta' jiem addizzjonali fuq il-baħar għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd u għat-titjib tal-kopertura tal-osservazzjoni xjentifika kif ukoll għall-istabbiliment tal-formati tal-ispreadsheets għall-ġbir u t-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar it-trasferiment tal-jiem fuq il-baħar bejn il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011[23].

(35) Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u biex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015, ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar il-limiti tal-isforz, li għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2015, u ċerti dispożizzjonijiet f'reġjuni partikolari, li għandu jkollhom data speċifika ta' applikazzjoni. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

(36) L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jintużaw f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

---

[23] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

# TITOLU I
# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*
*Is-suġġett*

1. Dan ir-Regolament jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut.

2. L-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:

   (a) il-limiti tal-qbid għas-sena 2015 u, fejn speċifikat f'dan ir-Regolament, għas-sena 2016;

   (b) il-limiti tal-isforz tas-sajd għall-perijodu mill-1 ta' Frar 2015 sal-31 ta' Jannar 2016, minbarra fejn huma stabbiliti perjodi oħra għal limiti tal-isforz fl-Artikoli 9, 29 u 31 u l-Anness IIE;

   (c) l-opportunitajiet tas-sajd għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2014 sat-30 ta' Novembru 2015 għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR;

   (d) l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC stabbiliti fl-Artikolu 33 għall-perjodi fl-2015 u 2016 speċifikati f'dik id-dispożizzjoni.

*Artikolu 2*
*Il-kamp ta' applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti li ġejjin:

(a) il-bastimenti tal-Unjoni;

(b) il-bastimenti ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni;

(c) il-bastimenti tas-sajd rikreattiv, għall-finijiet biss tal-Artikolu 1(b), 3(c) u 12 u ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*
*Id-definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "bastiment tal-Unjoni" tfisser bastiment tas-sajd kif definiti fl-Artikolu 4(1)(5) tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013;

(b) “bastiment ta’ pajjiż terz” tfisser bastiment tas-sajd kif definit fl-Artikolu 4(1)(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, li huwa rreġistrat f’pajjiż terz u jtajjar il-bandiera tiegħu.

(c) “bastimenti tas-sajd rikreattiv” tfisser bastimenti involuti f’sajd rikreattiv, kif imsemmi fl-Artikolu 4(28) tar-Regolament (UE) Nru 1224/2009;

(d) “ilmijiet tal-Unjoni” tfisser l-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri, ħlief għall-ilmijiet li jmissu mat-territorji elenkati fl-Anness II tat-Trattat;

(e) “ilmijiet internazzjonali” tfisser ilmijiet li ma jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni ta’ ebda Stat;

(f) “stokk” tfisser riżorsa bijoloġika tal-baħar li tkun tinsab f’żona ta’ ġestjoni partikolari;

(f) "qabda totali permissibbli" (TAC) tfisser:

(i) f'sajd soġġett għall-obbligu tal-ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-kwantità li tista' tinqabad minn kull stokk kull sena;

(ii) f'kull sajd ieħor, il-kwantità li tista' tinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

(g) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC allokata lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;

(h) "valutazzjonijiet analitiċi" tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, abbażi ta' dejta dwar il-bijoloġija u l-isfruttar tal-istokk, li l-analiżi xjentifika tkun indikat bħala dejta ta' kwalità ta' livell tajjeb biżżejjed biex abbażi tagħha jiġu pprovduti l-pariri xjentifiċi dwar l-għażliet għall-qabdiet futuri;

(i) "approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd" tfisser approċċ li skontu n-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika adegwata ma għandux jiġġustifika l-posponiment jew in-nuqqas ta' teħid ta' miżuri ta' ġestjoni sabiex jiġu kkonservati speċijiet fil-mira, speċijiet assoċjati jew dipendenti u speċijiet mhux fil-mira u l-ambjent tagħhom;

(j) "daqs tal-malja" tfisser id-daqs tal-malja tax-xbieki tas-sajd kif stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 517/2008[24];

(k) "reġistru tal-flotot tas-sajd tal-Unjoni" tfisser ir-reġistru stabbilit mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013;

(l) "ġurnal ta' abbord dwar is-sajd" tfisser il-ġurnal ta' abbord imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

*Artikolu 4*
*Iż-żoni tas-sajd*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin:

(a) iż-żoni tal-ICES (il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma ż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 218/2009[25];

(b) "Skagerrak" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fil-Punent minn linja miġbuda mill-fanal ta' Hanstholm għall-fanal ta' Lindesnes u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen għall-fanal ta' Tistlarna u minn dan il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Żvediża;

---

[24] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 517/2008 tal-10 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 fir-rigward tad-determinazzjoni tad-daqs tal-malja u l-assessjar tal-ħxuna tal-ispag tax-xbieki tas-sajd (ĠU L 151, 11.6.2008, p. 5).

[25] Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

(c) “Kattegat” tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fit-Tramuntana minn linja miġbuda mill-fanal ta’ Skagen għall-fanal ta’ Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Svediża u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda minn Hasenøre għal Gnibens Spids, minn Korshage għal Spodsbjerg u minn Gilbjerg Hoved għal Kullen;

(d) “Unità Funzjonali 16 tas-Subżona VII tal-ICES” tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn linji rombu li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b’mod sekwenzjali:

– 53° 30’ N 15° 00’ W,

– 53° 30’ N 11 ° 00’ W,

– 51 ° 30’ N 11 ° 00’ W,

– 51 ° 30’ N 13 ° 00’ W,

– 51 ° 00’ N 13 ° 00’ W,

– 51 ° 00’ N 15° 00’ W,

– 53° 30’ N 15° 00’ W;

(e) “il-Golf ta’ Cádiz” tfisser iż-żona ġeografika tad-diviżjoni IXa tal-ICES li tinsab fil-Lvant tal-lonġitudni 7º 23’ 48” W;

(f) iż-żoni tas-CECAF (il-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant) huma ż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26];

(g) iż-żoni tan-NAFO (l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral) huma ż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27];

(h) “Iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO (l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk)” hija ż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni tal-Ħarsien u l-Amministrazzjoni ta’ Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku[28];

[26] Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta’ statistiċi ta’ qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f’ċerti żoni li mhumiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

[27] Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42).

[28] Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/738/KE (ĠU L 234, 31.8.2002, p. 39).

(i) "Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT (il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Preservazzjoni tat-Tonn Atlantiku)" hija ż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku[29];

(j) "Iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR (il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Marittimi Ħajjin tal-Antartiku)" hija ż-żona ġeografika definita fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004[30];

(k) "Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC (il-Konvenzjoni Inter–Amerikana tat-Tonn Tropikali)" hija ż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Kosta Rika ("il-Konvenzjoni ta' Antigwa")[31];

(l) "Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC (Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan)" hija ż-żona ġeografika definita fil-Ftehim għall-istabbiliment tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan[32];

(m) "Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku)" tfisser iż-żona ta' ibħra miftuħa fin-Nofsinhar fi $10^{o}$ N, fit-Tramuntana taż-żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR, fil-Lvant taż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SIOFA kif definita fil-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan[33], u fil-Punent taż-żoni tal-ġuriżdizzjonijiet tas-sajd tal-Istati tal-Amerika t'Isfel;

[29] L-Unjoni aderiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

[30] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta' kontroll applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin tal-Antartiku u jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 3943/90, (KE) Nru 66/98 u (KE) Nru 1721/1999 (ĠU L 97, 1.4.2004, p. 16).

[31] Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

[32] L-Unjoni aderiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE (ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24).

[33] Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/780/KE (ĠU L 268, 9.10.2008, p. 27).

(n) "Iż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC (il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u fil-Paċifiku Ċentrali)" hija ż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent[34];

(o) "ibħra miftuħa tal-Baħar Bering" hija ż-żona ġeografika tal-ibħra miftuħa tal-Baħar Bering 'il barra minn 200 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom jitkejjel il-wisa' tal-baħar territorjali tal-Istati kostali tal-Baħar Bering.

(p) "żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC" hija ż-żona ġeografika definita mil-limiti li ġejjin:

– il-lonġitudni 150° W,

– il-lonġitudni 130° W,

– il-latitudni 4° S,

– il-latitudni 50° S.

[34] L-Unjoni aderiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1).

# TITOLU II
# OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAL-UNJONI

## Kapitolu I
## Dispożizzjonijiet ġenerali

*Artikolu 5*
*It-TACs u l-allokazzjonijiet*

1. It-TACs għall-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni jew f'ċerti ilmijiet li mhumiex tal-Unjoni u l-allokazzjoni ta' TACs bħal dawn fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet marbuta magħhom b'mod funzjonali, fejn hu xieraq, huma stipulati fl-Anness I.

2. Il-bastimenti tal-UE huma awtorizzati li jwettqu qabdiet, skont it-TACs stabbiliti fl-Anness I, f'ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tas-sajd tal-Gżejjer Faeroe, il-Groenlandja, l-Islanda u n-Norveġja, u ż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen, soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 19 u fl-Anness III ta' dan ir-Regolament u fir-Regolament Nru 1006/2008[35] u fid-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu.

3. Għall-finijiet tal-kundizzjoni speċjali stipulata fl-Anness IA għall-istokk taċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni IIa, IIIa u IV tal-ICES, għandhom japplikaw iż-żoni ta' ġestjoni ddefiniti fl-Anness IID.

*Artikolu 6*
*It-TACs li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri*

1. It-TACs għal ċerti stokkijiet ta' ħut għandhom jiġu stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat. Dawk l-istokkijiet huma identifikati fl-Anness I.

2. It-TACs li għandhom jiġu stabbiliti minn Stat Membru għandhom:

(a) ikunu konsistenti mal-prinċipji u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari mal-prinċipju tal-isfruttar sostenibbli tal-istokk;

(b) riżultat:

(i) jekk ikunu disponibbli valutazzjonijiet analitiċi, fl-isfruttar tal-istokk konsistenti mar-rendiment massimu sostenibbli mill-2015 'il quddiem, bi probabbiltà kemm jista' jkun għolja;

[35] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93 u (KE) Nru 1627/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3317/94 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33).

(ii) jekk il-valutazzjonijiet analitiċi ma jkunux disponibbli jew ma jkunux kompleti, fl-isfruttar tal-istokk b'mod konsistenti mal-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd.

3. Sal-15 ta' Marzu 2015, kull Stat Membru kkonċernat għandu jippreżenta l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) it-TACs adottati;

(b) id-dejta miġbura u vvalutata mill-Istat Membru kkonċernat, li fuqha huma bbażati t-TACs adottati;

(c) dettalji dwar kif it-TACs adottati huma konformi mal-paragrafu 2.

*Artikolu 7*
*Il-kundizzjonijiet għall-ħatt l-art tal-qabdiet u tal-qabdiet inċidentali*

1. Ħut minn stokkijiet li għalihom huma stabbiliti t-TACs li nqabdu fiż-żoni tas-sajd speċifikati fl-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu tal-ħatt kif stabbilit fih.

2. Il-ħut minn stokkijiet li għalihom huma stabbiliti t-TACs għandu jinżamm abbord jew jinħatt biss jekk:

(a) il-qabdiet ikunu saru minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru li għandu kwota u dik il-kwota ma tkunx ġiet eżawrita; jew

(b) il-qabdiet jikkonsistu f'sehem minn kwota tal-UE li ma ġietx allokata permezz ta' kwota fost l-Istati Membri, u dik il-kwota tal-UE ma tkunx ġiet eżawrita.

3. L-istokkijiet ta' speċijiet mhux fil-mira f'limiti bijoloġiċi siguri msemmija fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) 1380/2013 huma identifikati fl-Anness I għall-iskopijiet ta' deroga mill-obbligu li jingħaddu l-qabdiet skont il-kwoti rilevanti stipulati f'dak l-Artikolu.

*Artikolu 8*
*Il-limiti tal-isforz tas-sajd*

Il-miżuri tal-isforz tas-sajd li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) l-Anness IIA għall-ġestjoni ta' ċerti stokkijiet tal-bakkaljaw, tal-lingwata u tal-barbun tat-tbajja' fil-Kattegat, fi Skagerrak, dik il-parti taż-żona tad-diviżjoni IIIa tal-ICES mhux koperta minn Skagerrak u l-Kattegat, is-subżona IV tal-ICES, u s-subdiviżjonijiet VIa, VIIa u VIId tal-ICES u l-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet IIa u Vb tal-ICES;

(b) l-Anness IIB għall-irkupru tal-merluzz u tal-iskampu fid-diviżjonijiet VIIIc u IXa tal-ICES, bl-eċċezzjoni tal-Golf ta' Cádiz;

(c) fl-Anness IIC għall-ġestjoni tal-istokk tal-lingwata fid-diviżjoni VIIe tal-ICES.

(c) fl-Anness IIE għall-ġestjoni tal-istokk tal-ispnotta fid-diviżjoni VIIe tal-ICES.

*Artikolu 9*
*Il-limiti tal-qbid u tal-isforz tas-sajd tal-baħar fond*

1. L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 2347/2002[36] li jistabbilixxi r-rekwiżit li wieħed ikollu permess tas-sajd tal-baħar-fond għandu japplika għall-ħalibatt tal-Groenlandja. Il-qbid, iż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art tal-"ħalibatt tal-Groenlandja" għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet imsemmija f'dak l-Artikolu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-2015 il-livelli tal-isforz tas-sajd, imkejla bħala jiem kilowatt barra mill-port, minn bastimenti detenturi ta' permessi tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 2347/2002 ma jaqbżux il-65 % tal-medja tal-isforz tas-sajd annwali magħmul mill-bastimenti tal-Istat Membru kkonċernat fl-2003 fi vjaġġi meta kien hemm il-permessi tas-sajd tal-baħar-fond jew meta nqabdu speċijiet tal-baħar fond, kif elenkat fl-Annessi I u II ta' dak ir-Regolament. Dan il-paragrafu għandu japplika biss għal vjaġġi tas-sajd li fihom inqabdu aktar minn 100 kg ta' speċijiet tal-baħar fond, minbarra l-arġentina silus.

*Artikolu 10*
*Id-dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd*

1. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stipulat f'dan ir-Regolament għandha tkun bla preġudizzju għal:

   (a) skambji magħmula f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013;

   (b) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

   (c) riallokazzjonijiet magħmula f'konformità mal-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008;

   (d) ħatt l-art addizzjonali permessi skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament 1380/2013;

   (e) il-kwantitajiet miżmuma skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

   (f) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

   (g) trasferimenti u skambji ta' kwoti skont l-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament.

   (h) allokazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament.

2. Għajr fejn speċifikat mod ieħor fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC ta' prekawzjoni u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament

[36] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2347/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi ħtiġijiet speċifiċi ta' aċċess u kundizzjonijiet relattivi għas-sajd ta' ħażniet tal-baħar fond (ĠU L 351, 28.12.2002, p. 6).

għandhom japplikaw għall-istokkijiet li huma suġġetti għal TAC analitika. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandhom japplikaw għat-TACs biss meta l-Istati Membri ma jużawx il-flessibilità minn sena għal sena stipulata fl-Artikolu 15(9) tar- Regolament (UE) Nru 1380/2013.

*Artikolu 11*
*L-istaġun magħluq għas-sajd*

1. Għandu jkun ipprojbit li jsir sajd għal kwalunkwe speċi minn dawn li ġejjin fil-Porcupine Bank jew li kwalunkwe speċi minnhom tinżamm abbord f'din iż-żona matul il-perjodu mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Mejju 2015: il-bakkaljaw, il-megrim, il-petrika, il-merluzz tal-linja sewda, il-merlangu, il-merluzz, l-skampu, il-barbun tat-tbajja', il-pollakkju, il-pollakkju iswed, ir-rebekkini u r-raj, il-lingwata komuni, it-tusk, il-linarda, il-lipp u l-mazzola griża.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Porcupine Bank għandu jinkludi ż-żona ġeografika kkonfinata mil-linji rombu li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

| Punt | Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|---|
| 1 | 52° 27' N | 12° 19' W |
| 2 | 52° 40' N | 12° 30' W |
| 3 | 52° 47' N | 12° 39,600' W |
| 4 | 52° 47' N | 12° 56' W |
| 5 | 52° 13,5' N | 13 ° 53,830' W |
| 6 | 51 ° 22' N | 14 ° 24' W |
| 7 | 51 ° 22' N | 14 ° 03' W |
| 8 | 52° 10' N | 13 ° 25' W |
| 9 | 52° 32' N | 13 ° 07,500' W |
| 10 | 52° 43' N | 12° 55' W |
| 11 | 52° 43' N | 12° 43' W |
| 12 | 52° 38,800' N | 12° 37' W |
| 13 | 52° 27' N | 12° 23' W |
| 14 | 52° 27' N | 12° 19' W |

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, it-tranżitu mill-Porcupine Bank, filwaqt li jkunu qed jinġarru abbord l-ispeċijiet imsemmijin f'dak il-paragrafu għandu jkun permess skont l-Artikolu 50(3), (4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

2. Is-sajd kummerċjali għaċ-ċiċċirell bi xbieki tat-tkarkir demersali, tartaruni jew irkaptu simili rmunkat bid-daqs tal-malji anqas minn 16 mm, għandu jkun ipprojbit fid-diviżjonijiet IIa, IIIa tal-ICES u fis-subżona IV tal-ICES mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2015 u mill-1 ta Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2015.

Il-projbizzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu għandha tapplika għal bastimenti ta' pajjiż terzi awtorizzati li jistadu għaċ-ċiċċirell fl-ilmijiet tal-Unjoni fis-subżona IV tal-ICES.

*Artikolu 12*
*Sajd rikreattiv għall-ispnott*

Għas-sajd rikreattiv fid-diviżjonijiet IVb, IVc, VIIa, VIId, VIIe, VIIf, VIIg u VIIh tal-tal-ICES, għandu japplika limitu tal-qabda ta' spnotta waħda għal kull persuna għal kull ġurnata.

*Artikolu 13*
*Il-projbizzjonijiet*

1. Il-bastimenti tal-UE għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu għall-ispeċijiet li ġejjin, iżommuhom abbord, jittrażbordawhom jew iħottuhom l-art:

(a) ir-raja tal-kwiekeb (*Amblyraja radiata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet IIa, IIIa u VIId tal-ICES u s-subżona IV tal-ICES;

(b) il-gabdoll (*Cetorhinus maximus*) u l-kelb il-baħar abjad (*Carcharodon carcharias*) fl-ilmijiet kollha;

(c) ir-rebekkin skur (*Diptrus batis*) kumpless (*Dipturus cf. flossada* u *Dipturus cf. intermedia*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES u tas-subżoni III, IV, VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES;

(d) il-kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus*) u l-mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES, u s-subżona IV tal-ICES u fl-ilmijiet kollha tas-subżoni I, V, VI, VII, VIII, XII u XIV;

(d) il-murruna sewda (*Dalatias licha*), il-mazzola munqar l-għasfur (*Deania calcea*), il-"leafscale gulper shark" (*Centrophorus squamosus*), il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*) u l-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni fid-diviżjoni IIa tal-ICES u s-subżoni I, IV, V, VI, VII, VIII, XII u XIV tal-ICES;

(e) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet kollha;

(f) ir-raja manta ġiganta (*Manta birostris*) fl-ilmijiet kollha.

(g) ir-raja tal-fosos (*Raja clavata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIIa tal-ICES;

(h) ir-raja tan-Noverġja (*Raja (Dipturus) nidarosiensis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet VIa, VIb, VIIa, VIIb, VIIc, VIIe, VIIf, VIIg, VIIh u VIIk tal-ICES;

(i) ir-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni VI u X tal-ICES u l-ħamiema (*Raja alba*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES;

(j) il-"guitarfishes" (*Rhinobatidae*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X u XII tal-ICES.

(k) il-mazzola griża (*Squalus acanthias*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES, u s-subżona IV tal-ICES u fl-ilmijiet kollha tas-subżoni I, V, VI, VII, VIII, XII u XIV;

(l) l-ixkatlu komuni (*Squatina squatina*) fl-ilmijiet tal-Unjoni;

2. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinqabdu b'mod aċċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. Il-kampjuni maqbuda għandhom jinħelsu minnufih.

*Artikolu 14*
*It-trażmissjoni tad-dejta*

Meta l-Istati Membri jippreżentaw dejta lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art ta' kwantitajiet tal-istokkijiet li jkunu nqabdu skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

# Kapitolu II
# Allokazzjoni addizzjonali għall-bastimenti li jkunu qed jipparteċipaw fi provi tas-sajd iddokumentat bis-sħiħ

*Artikolu 15*
*L-allokazzjonijiet addizzjonali*

1. Għal ċerti stokkijiet, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ. Dawk l-istokkijiet huma identifikati fl-Anness I.

2. L-allokazzjoni addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex taqbeż il-limitu ġenerali stipulat fl-Anness I bħala persentaġġ tal-kwota allokata lil dak l-Istat Membru.

*Artikolu 16*
*Il-kundizzjonijiet għall-allokazzjonijiet addizzjonali*

1. L-allokazzjoni addizzjonali msemmija fil-paragrafu 15 għandha tkun konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-bastiment jagħmel użu minn kameras tat-televiżjoni b'ċirkwit magħluq (CCTV) assoċjati ma' sistema ta' sensors (imsejħa flimkien bħala s-"sistema tas-CCTV") biex jirreġistra l-attivitajiet kollha tas-sajd u tal-ipproċessar abbord;

(b) l-allokazzjoni addizzjonali mogħtija lil bastiment individwali li jipparteċipa fi provi tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ ma għandhiex taqbeż il-limiti li ġejjin:

(i) 75 % tal-ammont ta' ħut skartat tal-istokk, kif stmat mill-Istat Membru rilevanti, prodott mit-tip ta' bastiment li għalih jappartjeni l-bastiment individwali li jkun ingħata l-allokazzjoni addizzjonali.

(ii) 30 % tal-allokazzjoni individwali tal-bastiment qabel ma beda jipparteċipa fil-provi.

(c) il-qabdiet kollha mill-bastiment tal-istokk soġġetti għall-allokazzjoni addizzjonali, inkluż il-ħut li jkun iżgħar mid-daqs minimu tal-ħatt l-art kif iddefinit fl-Anness XII tar-Regolament tal- Kunsill (KE) Nru 850/98[37], għandhom jingħaddu u jitnaqqsu mill-allokazzjoni individwali tal-bastiment, kif tirriżulta minn kull allokazzjoni addizzjonali mogħtija skont l-Artikolu 14.

(d) hekk kif bastiment ikun uża l-allokazzjoni individwali għal kwalunkwe stokk soġġett għall-allokazzjoni addizzjonali, dak il-bastiment irid iwaqqaf l-attivitajiet kollha tas-sajd fiż-żona tat-TAC rilevanti; (e) fir-rigward tal-istokkijiet li għalihom jista' jintuża dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu trasferimenti tal-allokazzjoni individwali jew ta' kwalunkwe parti minnha minn bastimenti li ma jkunux qed jipparteċipaw fi provi tas-sajd iddokumentat bis-sħiħ għal bastimenti li jkunu qed jipparteċipaw f'dawk il-provi dment li jkun jista' jintwera li ma żdiedx l-iskartar minn bastimenti li ma jkunux qed jipparteċipaw.

2. Minkejja l-paragrafu 1(b)(i), Stat Membru jista', b'mod eċċezzjonali, jagħti allokazzjoni addizzjonali lil bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu ta' aktar minn 75 % tal-istima tal-ħut skartat tal-istokk prodott mit-tip ta' bastiment li għalih jappartjeni l-bastiment individwali li jkun ingħata l-allokazzjoni addizzjonali, sakemm:

(a) ir-rata tal-iskartar tal-istokk, kif stmata għat-tip ta' bastiment rilevanti, tkun ta' inqas minn 10 %;

(b) l-inklużjoni ta' dak it-tip ta' bastiment tkun importanti biex jiġi evalwat il-potenzjal tas-sistema tas-CCTV għall-finijiet ta' kontroll;

(c) ma jinqabiżx limitu totali ta' 75 % tal-istima tal-iskartar tal-istokk prodott mill-bastimenti kollha li jkunu qed jipparteċipaw fil-provi.

3. Qabel ma jagħti l-allokazzjoni addizzjonali msemmija fl-Artikolu 14, Stat Membru għandu jippreżenta l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) il-lista tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fi provi tas-sajd iddokumentati bis-sħiħ;

(b) l-ispeċifikazzjonijiet tat-tagħmir għall-monitoraġġ elettroniku mill-bogħod installat abbord dawk il-bastimenti;

(c) il-kapaċità, it-tip u l-ispeċifikazzjoni tal-irkapti użati minn dawk il-bastimenti;

(d) l-istimi tal-ħut skartat għal kull tip ta' bastiment li jkun qed jipparteċipa fil-provi;

(e) l-ammont ta' qabdiet tal-istokk soġġett għat-TAC rilevanti li l-bastimenti li jkunu qed jipparteċipaw fil-provi kellhom fl-2014.

---

[37] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar (ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1).

*Artikolu 17*
*L-ipproċessar ta' informazzjoni personali*

Sal-punt li r-reġistrazzjonijiet miksuba skont l-Artikolu 16(1)(a) jinvolvu l-ipproċessar ta' dejta personali skont it-tifsira tad-Direttiva 95/46/KE, dik id-Direttiva għandha tapplika għall-ipproċessar ta' dejta bħal din.

*Artikolu 18*
*L-irtirar ta' allokazzjonijiet addizzjonali*

Fejn Stat Membru jinnota li bastiment li jkun qed jipparteċipa fi provi tas-sajd iddokumentat bis-sħiħ jonqos milli jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16, huwa għandu jirtira minnufih l-allokazzjoni addizzjonali mogħtija lil dak il-bastiment u jeskludih milli jipparteċipa f'dawk il-provi għall-bqija tal-2015.

*Artikolu 19*
*L-analiżi xjentifika tal-valutazzjonijiet tal-iskartar*

Il-Kummissjoni tista' titlob lil kwalunkwe Stat Membru li jagħmel użu minn dan il-Kapitolu biex jippreżenta l-valutazzjoni tiegħu tal-ħut skartat prodott għal kull tip ta' bastiment lil korp xjentifiku konsultattiv għall-analiżi, sabiex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 16(1)(b)(i). Fin-nuqqas ta' valutazzjoni li tikkonferma t-tali ħut skartat, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu kull miżura xierqa biex jiżgura l-konformità ma' dak ir-rekwiżit u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

# Kapitolu III
# Awtorizzazzjonijiet tas-sajd f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi

*Artikolu 20*
*L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd*

1. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni li jistadu f'ilmijiet ta' pajjiż terz huwa stipulat fl-Anness III.

2. Meta Stat Membru jittrasferixxi l-kwota tiegħu lil Stat Membru ieħor ("tpartit") fiż-żoni ta' sajd stipulati fl-Anness III, abbażi tal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013, it-trasferiment għandu jinkludi trasferiment xieraq tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u dan għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni. Madankollu, l-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal kull żona ta' sajd, kif stipulat fl-Anness III, ma għandux jinqabeż.

# Kapitolu IV
# Opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd

*Artikolu 21*
*It-trasferimenti u l-iskambji tal-kwota*

1. Meta, skont ir-regoli ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ("RFMO"), ikunu permessi trasferimenti jew skambji ta' kwoti bejn il-Partijiet Kontraenti għall-RFMO, Stat Membru ("l-Istat Membru kkonċernat") jista' jiddiskuti ma' Parti Kontraenti għall-RFMO u, kif xieraq, jistabbilixxi deskrizzjoni possibbli tat-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti maħsub.

2. Malli l-Kummissjoni tiġi nnotifikata mill-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista'' tapprova d-deskrizzjoni tat-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti maħsuba li l-Istat Membru jkun iddiskuta mal-Parti Kontraenti għall-RFMO kkonċernata. Hekk kif isir dan, il-Kummissjoni għandha tiskambja, mingħajr dewmien żejjed, il-kunsens li tintrabat b'tali trasferimenti jew skambji tal-kwota mal-Parti Kontraenti għall-RFMO kkonċernata. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tinnotifika t-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti miftiehem lis-segretarjat tal-RFMO f'konformità mar-regoli ta' dik l-organizzazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bit-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti miftiehem.

4. L-opportunitajiet tas-sajd riċevuti mingħand jew trasferiti lill-Parti Kontraenti kkonċernata għall-RFMO skont it-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti għandhom jitqiesu bħala kwoti allokati lil jew imnaqqsa mill-allokazzjonijiet tal-Istat Membru kkonċernat, mill-waqt li jseħħ it-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti f'konformità mat-termini tal-ftehim maqbul mal-Parti Kontraenti għall-RFMO rilevanti, jew f'konformità mar-regoli tal-RFMO rilevanti, kif xieraq. Din l-allokazzjoni ma għandhiex tibdel il-formola ta' distribuzzjoni eżistenti għall-fini tal-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd.

## TAQSIMA 1
## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-ICCAT

*Artikolu 22*
*Il-limitazzjonijiet fuq il-kapaċità tas-sajd, tal-kultivazzjoni u tat-tismin tat-tonn*

1. L-għadd ta' dgħajjes tal-Unjoni tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm fil-Lvant tal-Atlantiku għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness IV.

2. L-għadd ta' dgħajjes tal-Unjoni tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115 cm fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness IV.

3. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' kultivazzjoni, awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115 cm għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 3 tal-Anness IV.

4. L-għadd u l-kapaċità totali f'tunnellaġġ gross ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati li jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw, jew iħottu l-art tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 4 tal-Anness IV.

5. L-għadd ta' nases involuti fis-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 5 tal-Anness IV.

6. Il-kapaċità tal-kultivazzjoni tat-tonn, il-kapaċità tat-tismin u l-input massimu ta' tonn selvaġġ allokat għall-istabbilimenti tal-akkwakultura fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 6 tal-Anness IV.

*Artikolu 23*
*Is-sajd rikreattiv u sportiv*

L-Istati Membri għandhom jallokaw kwota speċifika tat-tonn għas-sajd rikreattiv u sportiv mill-kwoti tagħhom allokati fl-Anness ID.

*Artikolu 24*
*Il-klieb il-baħar*

1. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*) minn kwalunkwe attività tas-sajd.

2. Għandu jkun ipprojbit sajd dirett għal speċijiet ta' pixxivolpi tal-ġeneru *Alopias*.

3. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' kurazzi komuni tal-familja *Sphyrnidae* (ħlief għas-*Sphyrna tiburo*) b'assoċjazzjoni mal-attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

4. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*) maqbuda f'kull attività ta' sajd.

5. Għandha tkun ipprojbita ż-żamma abbord ta' tawru seta (*Carcharhinus falciformis)* maqbuda f'kull attività ta' sajd.

# TAQSIMA 2
# IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAS-CCAMLR

*Artikolu 25*
*Il-projbizzjonijiet u l-limitazzjonijiet tal-qbid*

1. Is-sajd dirett għall-ispeċijiet stabbiliti fil-Parti A tal-Anness V, għandu jkun ipprojbit fiż-żoni u matul il-perjodi stipulati hemmhekk.

2. Għas-sajd esploratorju, it-TACs u l-limiti tal-qbid inċidentali stipulati fil-Parti B tal-Anness V għandhom japplikaw fis-subżoni msemmija hemmhekk.

*Artikolu 26*
*Is-sajd esploratorju*

1. Huma biss dawk l-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni tas-CCAMLR li jistgħu jipparteċipaw f'sajd esploratorju bil-konzijiet għad-*Dissostichus spp.* fis-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll fid-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a barra miż-żoni ta' ġuriżdizzjoni nazzjonali fl-2015. Jekk tali Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jipparteċipa f'sajd bħal dan, għandu jinnotifika lis-Segretarjat tas-CCAMLR skont l-Artikoli 7 u 7a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2015.

2. Fir-rigward tas-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll tad-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a, it-TACs u l-limiti tal-qbid inċidentali għal kull subżona u diviżjoni, u d-distribuzzjoni tagħhom f'Unitajiet ta' Riċerka fuq Skala Żgħira (SSRUs) fi ħdan kull waħda minnhom, għandhom ikunu kif stipulat fil-Parti B tal-Anness V. Għandu jieqaf is-sajd f'kull SSRU meta l-qabda rrappurtata tilħaq it-TAC speċifikata u dik l-SSRU għandha tingħalaq għas-sajd għall-bqija tal-istaġun.

3. Is-sajd għandu jseħħ fuq medda ġeografika u batimetrika kbira kemm jista' jkun sabiex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi determinat il-potenzjal tas-sajd u sabiex tiġi evitata l-konċentrazzjoni-żejda tal-qbid u tal-isforz tas-sajd. Madankollu, is-sajd fis-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll fid-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a għandu jkun ipprojbit f'fond ta' inqas minn 550 m.

*Artikolu 27*
*Is-sajd għall-krill matul l-istaġun tas-sajd 2015/2016*

1. Dawk l-Istati Membri biss li huma Membri tal-Kummissjoni tas-CCAMLR jistgħu jistadu għall-krill (*Euphausia superba*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR matul l-istaġun tas-sajd 2015/2016. Jekk tali Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jistad għall-krill fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR, huwa għandu jinnotifika, mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2015, lis-Segretarjat tas-CCAMLR, skont l-Artikolu 5a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004, u lill-Kummissjoni, bl-użu tal-format stipulat fil-Parti C tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, bl-intenzjoni tiegħu li jistad għall-krill.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 għal kull bastiment li għandu jiġi awtorizzat mill-Istat Membru biex jipparteċipa fis-sajd għall-krill.

3. Stat Membru li għandu l-intenzjoni jistad għall-krill fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan fil-każ biss tal-bastimenti awtorizzati li fil-mument tan-notifika jtajru l-bandiera tagħhom jew dawk li jtajru l-bandiera ta' membru ieħor tas-CCAMLR li fiż-żmien meta jsir is-sajd mistennija li jkunu jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jawtorizzaw il-parteċipazzjoni f'sajd għall-krill minn bastimenti barra minn dawk innotifikati lis-Segretarjat tas-CCAMLR skont il-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, jekk bastiment awtorizzat ma jkunx jista' jipparteċipa minħabba raġunijiet operattivi leġittimi jew minħabba *force majeure*. F'ċirkostanzi bħal dawk l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw minnufih lis-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni, u jipprovdu:

(a) id-dettalji kollha tas-sostituzzjoni intiża tal-bastiment(i), inkluża l-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004;

(b) rendikont komprensiv tar-raġunijiet li jiġġustifikaw is-sostituzzjoni u kwalunkwe evidenza jew referenzi rilevanti ta' appoġġ;

5. L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw bastiment elenkat fi kwalunkwe waħda mil-Lista ta' Bastimenti ta' sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU) tas-CCAMLR sabiex jipparteċipaw fis-sajd għall-krill.

## TAQSIMA 3
## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-IOTC

*Artikolu 28*

*Limitazzjoni tal-kapaċità tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IOTC*

1. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-UE li jistadu għat-tonn tropikali fiż-żona tal-Konvenzjoni IOTC u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandu jkun kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness VI.

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tal-Unjoni li jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) u l-alonga (*Thunnus alalunga*) fiż-żona tal-Konvenzjoni IOTC, u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandu jkun kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness VI.

3. L-Istati Membri jistgħu jallokaw mill-ġdid bastimenti assenjati għal wieħed miż-żewġ attivitajiet ta' sajd imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-attività tas-sajd l-oħra, bil-kundizzjoni li jistgħu juru lill-Kummissjoni li din il-bidla ma twassalx għal żieda fl-isforz tas-sajd fuq l-istokkijiet tal-ħut involuti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jkun hemm trasferiment propost ta' kapaċità għall-flotta tagħhom, il-bastimenti li jkunu se jiġu ttrasferiti jkunu fuq ir-Reġistru ta' Bastimenti tal-IOTC jew fuq ir-reġistru ta' bastimenti ta'

organizzazzjonijiet reġjonali oħra għas-sajd tat-tonn. Barra minn hekk, ma jista' jiġi ttrasferit l-ebda bastiment li jinsab fuq il-lista ta' bastimenti involuti f'attivitajiet ta' sajd IUU (bastimenti IUU) ta' xi RFMO.

5. Sabiex titqies l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' żvilupp ippreżentati lill-IOTC, l-Istati Membri ma jistgħux iżidu l-kapaċità tas-sajd tagħhom lil hinn mil-limiti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ħlief fil-limiti stipulati f'dawk il-pjanijiet.

*Artikolu 29*
*Il-klieb il-baħar*

1. Iż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' pixxivolpi tal-ispeċijiet kollha tal-familja *Alopiidae* fi kwalunkwe attività ta' sajd għandhom ikunu pprojbiti.

2. Iż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa ta' klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*) f'kull tip ta' sajd għandu jkun ipprojbit, ħlief għall-bastimenti b'anqas minn 24 metru tul impenjati biss f'operazzjonijiet tas-sajd fiż-żona ekonomika esklussiva (ŻEE) tal-Istat Membru ta' liema huma jtajru l-bandiera, u sakemm il-qabda tagħhom tkun destinata biss għall-konsum lokali.

3. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u 2 jinqabdu b'mod aċċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. Il-kampjuni maqbuda għandhom jinħelsu minnufih.

## TAQSIMA 4
## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-SPRFMO

*Artikolu 30*
*Is-sajd għal ħut pelaġiku – il-limitazzjoni tal-kapaċità*

L-Istati Membri li b'mod attiv eżerċitaw attivitajiet tas-sajd għal ħut pelaġiku fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fl-2007, l-2008 jew l-2009 għandhom jillimitaw il-livell totali ta' tunnellaġġ gross ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi fl-2015 għal-livell totali tal-Unjoni Ewropea ta' 78 600 tunnellaġġ gross f'dik iż-żona."

*Artikolu 31*
*Is-sajd għal ħut pelaġiku – it-TACs*

1. Huma biss dawk l-Istati Membri li eżerċitaw attivitajiet tas-sajd b'mod attiv għal ħut pelaġiku fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fl-2007, l-2008 jew l-2009, kif speċifikat fl-Artikolu 30, li jistgħu jistadu għal stokkijiet pelaġiċi f'dik iż-żona skont it-TACs stipulati fl-Anness IJ.

2. L-opportunitajiet tas-sajd stipulati fl-Anness IJ jistgħu jinqabdu biss bil-kundizzjoni li l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni l-lista ta' bastimenti li stadu attivament jew kienu involuti fit-trażbord fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, ir-reġistri tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS), ir-rapporti ta' kull xahar dwar il-qbid u, fejn disponibbli, id-daħliet fil-portijiet mhux aktar tard mill-ħames jum tax-xahar ta' wara, sabiex il-Kummissjoni tikkomunikahom lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

*Artikolu 32*
*Is-sajd tal-qiegħ*

L-Istati Membri b'rekord tal-qbid jew tal-isforz tas-sajd tal-qiegħ fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2006 għandhom jillimitaw il-qbid jew l-isforz tas-sajd tal-qiegħ tagħhom fl-2015 fiż-Żona tal-Konvenzjoni għal dawk il-partijiet taż-Żona tal-Konvenzjoni fejn seħħ is-sajd tal-qiegħ f'dak il-perjodu u għal livell li ma jaqbiżx il-livelli medji annwali ta' parametri tal-qbid jew tal-isforz matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2006.

## TAQSIMA 5
## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-IATTC

*Artikolu 33*
*Is-sajd bil-purse-seine*

1. Is-sajd minn bastimenti bil-purse seine għat-tonna safra (*Thunnus albacares*), it-tonn għajnu kbira (*Thunnus obesus*) u l-palamit (*Katsuwonus pelamis*) għandu jkun ipprojbit:

(a) mid-29 ta' Lulju sat-28 ta' Settembru 2015 jew mit-18 ta' Novembru 2015 sat-18 ta' Jannar 2016 fiż-żona ddefinita bil-limiti li ġejjin:

– il-linji tal-kosta tal-Paċifiku tal-Ameriki,

– il-lonġitudni 150° W,

– il-latitudni 40° N,

– il-latitudni 40° S;

(b) mid-29 ta' Settembru sad-29 ta' Ottubru 2015 fiż-żona ddefinita bil-limiti li ġejjin:

– il-lonġitudni 96° W,

– il-lonġitudni 110° W,

– il-latitudni 4° N,

– il-latitudni 3° S.

2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-perjodu ta' għeluq magħżul imsemmi fil-paragrafu 1 qabel l-1 ta' April 2015. Il-bastimenti bil-purse seine kollha tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jieqfu mis-sajd bil-purse seine fiż-żoni ddefiniti fil-paragrafu 1 tul il-perjodu magħżul.

3. Il-bastimenti tas-sajd bil-purse-seine li jistadu għat-tonn fiż-Żona ta' Konvenzjoni tal-IATTC għandhom iżommu abbord u wara jħottu l-art jew jittrażbordaw it-tonna safra, it-tonn għajnu kbira u l-palamit kollu maqbud.

4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika għall-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-ħut ma jitqiesx tajjeb għall-konsum mill-bniedem għal raġunijiet għajr dik ta' daqs; jew

(c) matul l-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, meta jista' ma jkunx baqa' spazju biżżejjed fejn jitqiegħed it-tonn kollu maqbud f'dik it-tefgħa.

*Artikolu 34*
*Il-projbizzjoni tas-sajd għall-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku*

1. Għandu jkun ipprojbit is-sajd għall-klieb il-baħar bil-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carharhinus longimanus*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC, u ż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħżin, l-offerta għall-bejgħ, il-bejgħ jew il-ħatt l-art ta' xi parti minn karkassa jew il-karkassa kollha tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi f'dik iż-żona.

2. Meta tinqabad b'mod aċċidentali, l-ispeċi msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex issirilha ħsara. Il-kampjuni minn tali speċi għandhom jiġu rrilaxxati minnufih mill-operaturi tal-bastiment, li għandhom ukoll:

(a) jirreġistraw l-għadd ta' rilaxxi b'indikazzjoni tal-istatus (mejta jew ħajja);

(b) jirrappurtaw l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu (a) lill-Istat Membru li huma ċittadini tiegħu. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu l-informazzjoni miġbura matul is-sena ta' qabel lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar tas-sena li fiha dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ.

## TAQSIMA 6
## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAS-SEAFO

*Artikolu 35*
*Il-projbizzjoni tas-sajd għall-klieb il-baħar tal-baħar fond*

Is-sajd dirett għall-klieb il-baħar tal-fond li ġejjin fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO għandu jkun ipprojbit:

– ir-rebekkini (*Rajidae*),

– il-mazzola griża (*Squalus acanthias*),

– il-mazzola tal-fanal *bigelowi* (*Etmopterus bigelowi*),

– il-mazzola tal-fanal ta' denb qasir (*Etmopterus brachyurus*),

– il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*),

– il-mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*),

– il-gattarell fantażma (*Apristurus manis*),

– il-velvet dogfish (*Scymnodon squamulosus*),

– il-klieb il-baħar tal-fond tas-superordni *Selachimorpha*.

## TAQSIMA 7
## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-WCPFC

*Artikolu 36*
*Il-kundizzjonijiet għat-tonn għajnu kbira, it-tonna safra, il-palamit u l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jaqbżux l-403 ijiem ta' sajd allokati lill-bastimenti tas-sajd bil-purse seine għat-tonn għajnu kbira (*Thunnus obesus*), it-tonna safra(*Thunnus albacares*), u l-palamit (*Katsuwonus pelamis*) fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC fl-ibħra internazzjonali u li jinsabu bejn 20° N u 20° S."

2. Il-bastimenti tal-Unjoni ma għandhomx ikollhom l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku (*Thunnus alalunga*) fil-mira fiż-Żona tal-Konvenzjoni WCPFC fin-Nofsinhar ta' 20°S.

*Artikolu 37*
*Iż-żona magħluqa għas-sajd FAD*

1. Fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni WCPFC li tinsab bejn 20° N u 20° S, l-attivitajiet tas-sajd minn bastimenti tas-sajd bil-purse-seine li jużaw l-apparat ta' aggregazzjoni tal-ħut (FADs) għandhom ikunu pprojibiti bejn il-ħinijiet ta' 00:00 tal-1 ta' Lulju 2015 u 24:00 tal-31 ta' Ottubru 2015. Matul dan il-perijodu, bastiment tas-sajd bil-purse seine ma jistax ikun involut f'operazzjonijiet tas-sajd f'dik il-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC ħlief jekk ikollu abbord osservatur sabiex jissorvelja li l-bastiment f'ebda ħin ma:

   (a) juża jew iħaddem apparat tal-FAD jew apparat elettroniku assoċjat;

(b) jistad fuq ġlejjeb ta' ħut b'assoċjazzjoni mal-FADs.

2. Il-bastimenti tas-sajd bil-purse seine kollha li jistadu fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom iżommu abbord u jħottu l-artjew jittrażbordaw it-tonn għajnu kbira, it-tonna safra u l-palamit maqbud kollu.

3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għall-każijiet li ġejjin:

(a) fl-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, jekk il-bastiment ma jkollux spazju biżżejjed sabiex joqgħod il-ħut kollu;

(b) meta l-ħut ma jitqiesx tajjeb għall-konsum mill-bniedem għal kwalunkwe raġuni għajr dik ta' daqs; jew

(c) meta sseħħ ħsara serja fl-apparat tal-friża.

*Artikolu 38*
*Iż-żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC*

1. Il-bastimenti elenkati esklussivament fir-reġistru tad-WCPFC għandhom japplikaw il-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 34 sa 38 meta jkunu qed jistadu fiż-żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC kif definit fl-Artikolu 4(p).

2. Il-bastimenti elenkati kemm fir-reġistru tad-WCPFC kif ukoll fir-reġistru tal-IATTC u l-bastimenti elenkati esklussivament fir-reġistru tal-IATTC għandhom japplikaw il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 33(1)(a) u (2) sa (4) u l-Artikolu 34 meta jsir sajd fiż-żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC kif definit fl-Artikolu 4(p).

*Artikolu 39*

*Il-limitazzjonijiet fl-għadd ta' bastimenti tal-Unjoni awtorizzati biex jistadu għall-pixxispad*

L-għadd massimu ta' bastimenti tal-UE awtorizzati sabiex jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) f'żoni fin-Nofisnhar ta' 20° S taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC għandu jkun kif indikat fl-Anness VII.

*Artikolu 40*

*It-tawru seta u l-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku*

1. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa tal-ispeċijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-WCPFC li ġejjin:

   (a) it-tawru seta (*Carcharhinus falciformis*),

   (b) il-kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku (*Carharhinus longimanus*)

2. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinqabdu b'mod aċċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. Il-kampjuni maqbuda għandhom jinħelsu minnufih.

## TAQSIMA 8
## IL-BAĦAR BERING

*Artikolu 41*

*Il-projbizzjoni fuq is-sajd fl-ibħra miftuħa tal-Baħar Bering*

Is-sajd għall-pollakkju (*Theragra chalcogramma*) fl-ibħra miftuħa tal-Baħar Bering għandu jkun ipprojbit.

# TITOLU III
# OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TA' PAJJIŻI TERZI FL-ILMIJIET TAL-UNJONI

*Artikolu 42*
*It-TACs*

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tan-Norveġja u l-bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-Gżejjer Faeroe għandhom ikunu awtorizzati li jwettqu qabdiet fl-ilmijiet tal-Unjoni, fil-limiti tat-TACs stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u suġġett għall-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament u fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008.

*Artikolu 43*
*L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd*

L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni huwa stipulat fl-Anness VIII.

*Artikolu 44*
*Il-kundizzjonijiet għall-ħatt l-art tal-qabdiet u tal-qabdiet inċidentali*

Il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 7 għandhom japplikaw għall-qabdiet u l-qabdiet inċidentali ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu taħt l-awtorizzazzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 43.

*Artikolu 45*
*Il-projbizzjonijiet*

1. Il-bastimenti ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu għall-ispeċijiet li ġejjin, milli jżommuhom abbord, milli jittrażbordawhom jew milli jħottuhom:

(a) ir-raja tal-kwiekeb (*Amblyraja radiata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet IIa, IIIa u VIId tal-ICES u s-subżona IV tal-ICES;

(b) il-gabdoll (*Cetorhinus maximus*) u l-kelb il-baħar abjad (*Carcharodon carcharias*) fl-ilmijiet kollha;

(c) ir-rebekkin skur (*Diptrus batis*) kumpless (*Dipturus cf. flossada* u *Dipturus cf. intermedia*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES u tas-subżoni III, IV, VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES;

(d) il-kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus*), il-murruna sewda (*Dalatias licha*), il-mazzola munqar l-għasfur (*Deania calcea*), il-leafscale gulper shark (*Centrophorus squamosus*), il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*), il-mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*) u l-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni fid-diviżjoni IIa tal-ICES u s-subżoni I, IV, V, VI, VII, VIII, XII u XIV tal-ICES;

(e) il-murruna sewda (*Dalatias licha*), il-mazzola munqar l-għasfur (*Deania calcea*), il-leafscale gulper shark (*Centrophorus squamosus*), il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*) u l-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni fid-diviżjoni IIa tal-ICES u s-subżoni I, IV, V, VI, VII, VIII, XII u XIV tal-ICES;

(f) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni;

(g) ir-raja manta ġganta (*Manta birostris*) fl-ilmijiet tal-Unjoni.

(g) ir-raja tal-fosos (*Raja clavata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIIa tal-ICES;

(h) ir-raja tan-Norveġja (*Raja (Dipturus) nidarosiensis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet VIa, VIb, VIIa, VIIb, VIIc, VIIe, VIIf, VIIg, VIIh u VIIk tal-ICES;

(j) ir-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni VI, IX u X tal-ICES u l-ħamiema (*Raja alba*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES;

(k) il-guitarfishes (*Rhinobatidae*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni I, II, III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X u XII tal-ICES.

(l) il-mazzola griża (*Squalus acanthias*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni IIa tal-ICES u tas-subżoni I, IV, V, VI, VII, VIII, XII u XIV;

(m) l-ixkatlu komuni (*Squatina squatina*) fl-ilmijiet tal-Unjoni;

2. Meta tinqabad b'mod aċċidentali, l-ispeċi msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex issirilha ħsara. Il-kampjuni maqbuda għandhom jinħelsu minnufih.

# TITOLU IV
# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 46*
*Proċedura ta' Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 47*
*Revoka*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 779/2014 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.

*Artikolu 48*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Madankollu, l-Artikolu 8 għandu japplika mill-1 ta' Frar 2015.

Id-dispożizzjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd stipulati fl-Artikoli 24, 25 u 26 u fl-Annessi IE u V għaż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR għandhom japplikaw mid-dati speċifikati fihom.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*